MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2008

Numru 552/2002

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra AAA

2. (1) Akkużat talli fis-17 ta' Mejju 2002 u fix-xhur preċedenti, f'Birżebbuga jew / u fi nħawi oħra f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'disposizzjoni waħda, b'għemil żieni kkorrompa lil bintu BBB, minorenni ta' 13-il sena.

(2) Fl-istess żmien lok u ċirkostanzi, mingħajr ordni skond il-liġi ta' l-Awtorita' kompetenti u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-seta' lill-privat jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew ssekwestra lill-istess bintu BBB, minorenni ta' 13-il sena kontra l-volonta' tagħha sabiex bħala mara iġegħilha tagħmel jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħha u dan bi ksur ta' l-Artikoli 86 u 87 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

(3) U iktar fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, kkommetta attentat vjolenti għall-pudur fuq bintu BBB, minorenni ta' 13-il sena.

(4) U iktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi kkaġuna feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' l-istess BBB skond ma ċċertifika Dr. J M Farrugia MD u Dr. M Mangion MD MRCC (Paed) ta' l-isptar San Luqa.

3. Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi l-fedina penali ta' l-imputat li hija nadifa a fol 2; iċ-ċertifikat tat-twelid ta' l-imputat li jġib in-numru 3028 tas-sena 1962 a fol 3; id-digriet illi tat il-Qorti kif diversament preseduta dwar it-talba tad-difiża in konnessjoni mal-kopja fotostatika ta' stqarrija pprezentata mill-ispettur Edel Mary Camilleri (fol 10); ir-risposta ta' l-imputat li mhux ħati ta' l-imputazzjonijiet (fol 11); iċ-ċertifikat tat-twelid ta' BBB li tidher li twieldet fid-19 ta' April 1989 u liema ċertifikat iġib in-numru 1941 tas-sena 1989 (fol 12); l-istqarrija ta' l-imputat a fol 13 u 14; l-istqarrija tal-mara ta' l-imputat DDD a fol 15 u 16; l-istqarrija ta' EEE a fol 17 u 18; il-case records ppreżentati bħala Dok D4 a fol 19 et; il-verbal mill-Qorti diversament presduta a fol 77 dwar ir-riferta lill-imputat; iċ-ċertifikat rilaxxjat mill-Sptar San Luqa fit-18 ta' Mejju 2002 a fol 99 et; ir-rikors magħmul mill-Ministru għall-Politika Soċjali a fol 105; it-talbiet għal prorogi mill-President ta' Malta a fol 130 u 143; l-Artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali a fol 216 tal-proċess; ir-risposta ta' l-imputat a fol 220 li ma jsib ebda oġġezzjoni li dawn il-proċeduri jkunu sommarji; id-digriet li bih il-Qorti laqgħet it-talba tad-difiża u nnominat lil Rosalba Maria Axiaq bħala psychotherapist a fol 302; u r-rapport magħmul minn Rosalba M Axiaq.

4. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

5. Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli prosekutur u l-abbli difensur.

Ikkonsidrat.

**L-Ispettur Edel Mary Camilleri**

6. Mix-xhieda ta’ l-Ispettur Edel Mary Camilleri jirriżulta illi kienu saru allegazzjonijiet mill-Manager fil-programm Ħidma Appoġġ illi t-tifla BBB kienet qed tiġi abbużata minn membri tal-familja fosthom il-missier.

7. Dak iż-żmien kienet taħt interim care order u kien hemm speech difficulties.

8. It-tifla tifhem pero’ meta titkellem lura ma titkellimx daqshekk ċar (fol 26). L-Ispettur kompliet tgħid li hija tkellmet mas-social workers Sarah Soler u Malcolm Portelli u wkoll mat-tifla fil-presenza ta’ Sarah Soler u fil-presenza ta’ WPS 24 Josephine Gauci. It-tifla tat indikazzjonijiet li kienet qed tiġi abbużata minn missierha AAA biex tintmess f’diversi partijiet minn ġisimha u wkoll fil-partijiet intimi tagħha. Kienet titnezza’ minn ħwejjiġha u tithalla bil-qalziet ta’ taħt. It-tifla qalet ukoll li kienet qed tiġi marbuta minn għonqha u anke minn riġlejha. It-tifla kienet indikat li kienet intrabet minn missierha stess minn għonqha kif wkoll minn saqajha.

9. L-Ispettura esebiet tliet stqarrijiet magħmulin mill-imputat, mill-mara tiegħu u mit-tifel tiegħu EEE. Il-Qorti kif diversament preseduta kienet ordnat illi tkun preżentata l-fotokopja ta’ l-istqarrija magħmula minn DDD fi proċeduri oħrajn.

10. L-ispettur spjegat li peress li t-tifla ma titkellimx daqshekk ċar, biss bis-sinjali turi l-partijiet ta’ ġisimha biex tikkonferma ċertu affarijiet li tkun qalet (fol 30).

11. Mistoqsija mill-Qorti stess jekk it-tifla kinitx qed tifhimhom, l-Ispettur qalet illi kienet qed tifhem fuq xiex kienu qed jitkellmu (fol 31). Għall-mistoqsija mill-parte civili, l-ispettur qalet li t-tifla kienet indikatilha l-partijiet ta’ sidirha u l-partijiet intimi tagħha meta kienet qed titkellem dwar l-allegat sexual abuse da parti tal-missier. It-tifla

indikat ukoll li ġieli intrabtet b'ħabel minn għonqha u minn riġlejha. It-tifla indikat għonqha u riġlejha biex turi illi missierha ġieli rabatha minn dawn il-partijiet (fol 32).

Stqarrija ta' l-imputat

12. Din tidher a fol 13. Fiha l-imputat kien mistoqsi jekk gielix ta xi daqqtejn lit-tfal u hu wiegeb li sawwathom bħal kull missier ieħor biex jikkoreġiehom (fol 13). Huwa qal ukoll li l-pulizija riedu jkellmuh fuq it-tifel il-kbir għax kien tefagħlu xi oġġett bil-ponta. Huwa qal ukoll li ġieli kien sawwat lil bintu b'xi injama żgħira imma mhux kuljum u kien jikkoreġieha bl-għajjat.

13. Hu ċaħad li kien taha b'injama bil-goff jew li taha lanqas left, right and centre. L-injama ġieli tefaghhielha iżda mhux biex jolqotha. Huwa ċahad li kien rabat lil bintu qabel għax dik mhux annimal. Huwa qal li t-tifla ġieli titla' fuq il-bejt u tilgħab mal-kelba u l-ħabel li hi marbuta l-kelba bih. Il-missier qal li l-kelba ddur ma saqajn it-tifla u seta' dar il-ħabel u ħalla l-marka tiegħu (fol 14). Huwa reġa' tenna li hu qatt ma rabat lit-tifla bil-ħabel u lanqas qatt ma stmaha ta' annimal (fol 14).

14. L-imputat qal li qatt ma kien jilgħab ma' uliedu iżda li mhux mignun biex jorbot lit-tifla minn riġlejha u minn għonqha. Huwa qal ukoll li qatt ma kien ra lit-tifla mingħajr ħwejjeġ. U lanqas qatt ma kien ġegħilha tinża u lanqas neżżaghha hu.

15. Barra dan huwa qatt ma qabbad lit-tifel il-kbir jaghmel xi ħaġa lit-tifla. Huwa ċaħad ukoll li kien miss xi partijiet tat-tifla.

L-istqarrija ta' DDD, mart l-imputat

16. Din qalet illi r-raġel tagħha ġieli tahom xi daqqtejn bl-idejn fuq saqajhom lit-tfal. Meta kienet mistoqsija jekk kienx hemm swat min-naħa tar-raġel bil-goff fuq BBB, hija qalet kultant ittellagħhomlu. Id-daqqiet ma kinux bl-injam. Imbaghad qalet 'Anzi ma għandix ghalfejn noqghod naħbi, gieli taha bl-injama.' Ċaħdet illi r-raġel qatt rabat lit-tifla

jew inkella taha bil-ħabel. Hija qalet li r-raġel qatt ma rabat lit-tifla minn għonqha u minn riġlejha.

**Xhieda ta' FFF**

17. Xehed FFF illi qal li missieru kien jaf illi ġieli rabat lil oħtu u kien qallu biex ma jagħmilx dawn l-affarijiet. Huwa qal ukoll illi ġieli saru xi pastażati ma' oħtu kif jidher a fol 17 u 18.

**Diary Case Sheet.**

18. Mid-diary case sheet li tibda page 19 u li tkopri ż-żmien 17 ta' Mejju 2002 sad-9 ta' Ottubru 2002 għalkemm qabel l-aħħar data, l-aħħar meeting kien fil-31 ta' Mejju 2002. Responsabbli għal dan id-dokument kienet ċertu Sarah Soler. A fol 21 skond ir-rapport magħmul mit-tifla lil din is-social worker, jidher illi l-missier kien jorbotha b'ħabel ma' għonqha u kien imissilha sidirha, xuftejha, widnejha u l-partijiet privati b'idejh. Hi kienet tgħidlu biex iħalliha. Fl-aħħar laqgħa dik tad-9 ta' Ottubru 2002, hija qalet illi kemm missierha u kemm ħuha kienu jużaw il-partijiet privati tagħhom billi jagħmluhom ġewwa jew ħdejn il-partijiet privati tagħha (fol 22). U hi kienet tweġġa' ħafna. Ħafna drabi kien anke joħorġilha d-demm. Hija qalet illi ma kinitx tkellmet qabel għax kienet tibża'. U l-ġenituri tagħha kienu qalulha biex ma titkellem xejn fil-Qorti: 'Agħlaq ħalqek.'

**WPS 24 Josephine Gauci**

19. Xehdet WPS 24 Josephine Gauci li qalet li kienet marret flimkien ma' l-Ispettura biex ikellmu lit-tifla li għandha difett biex titkellem u li għall-ewwel kienet qed tkun reluttanti ħafna biex titkellem. A fol 36 hija qalet illi ġieli missewlha sidirha u l-parti privata tagħha. Missierha ġieli neza' l-ħwejjeġ pero' l-panty dejjem kien ikun fuqu u

kien imissilha b'idejh il-partijiet privata tagħha. Ġieli qalilha biex tinża pero' hi qatt ma riedet tinża' (fol 36). Din il-laqgħa damet siegħa u nofs u parti mir-raġuni kienet biex jiftehmu mat-tifla sew (fol 37).

20. In kontro eżami qalet li t-tifla mhux bdiet tgħid 'le' imma bdiet qisha ddur mal-lewża. Is-social worker bdiet tgħid lit-tifla illi l-ispettur hija mara bħall-oħrajn u ma għandhiex għalfejn tibża' minnha (fol 39). L-Ispettura mhux mill-ewwel semmiet il-mess fuq il-partijiet tal-ġisem u fil-fatt l-ispettura bdiet tipprova tgħin lit-tifla billi tghidilha li qegħdin huma hemm biex jgħinu lit-tfal (fol 40). Ix-xhud kompliet tispjega fil-kontro- eżami li l-ispettura l-ewwel tkellmet mas-social worker u s-social worker kienet tkellmet mat-tifla. L-ispettura bdiet tistaqsi fuq dak li kienet qaltilha s-social worker.

21. Fil-kontro-ezami l-avukat difensur staqsa jekk it-tifla qalitx x'ġara jew jekk sarulhiex id-domandi u hi wieġbet iva jew le (fol 41) u x-xhud hawn hekk qalet iva. Ix-xhud baqgħet tgħid li għall-bidu l-ispettura ma għamlitx mistoqsijiet diretti u fil-fatt l-ewwel ma staqsietha kien fuq xi zijiet. Fil-fatt l-Ispettura staqsietha jekk kienx hemm xi mess jew xi ħaġa u t-tifla qalet 'Iva' u hawn hekk l-Ispettura bil-fors riedet tistaqsi fejn u t-tifla wriet il-partijiet fejn (fol 42).

22. L-avukat difensur staqsa, 'Inti tikkonferma li t-tifla fl-ebda ħin ma qalet anzi insistiet li kienet tibqa' hi bil-qalziet ta' taħt u l-istess il-papa tagħha?' Ix-xhud wieġbet 'Iva' (fol 42).

**Sarah Soler – Psychology Officer – Appogg.**

23. Xehdet Sarah Soler, Psychology Officer ma' l-Agenzija Appogg. Kienu saru telefonati anonimi dwar il-mod kif BBB kienet qed tkun trattata fid-dar, kemm dawk fuq kwistjonijiet ta' abbuż sesswali kif wkoll dwar htiġijiet normali bħall- ikel. Fost l-oħrajn, din it-tifla kellha xi tbenġil.

24. Meta kellmu lil BBB, huma sabu li fuq saqajha kellha tbenġila magħmula biċ-ċintorin. Kellha marka oħra fuq saqajha li kienet magħmula b'xi ħabel. Kellha tbenġil fuq idejha. A fol 46 it-tifla spjegat li missierha kien jidħol fil-kamra tas-sodda tagħha, kien iġib il-ħabel, ipoġġieh madwar għonqha, iġeghilha tinża u avolja hi ma tkunx riedet tinza, kienet xorta riedet tinża għax kien iġegħilha u kien imissha.

25. Għall-mistoqsija mill-Qorti jekk lil missierha kinitx semmietu hi jew inkella l-uffiċjali ta' l-Appoġġ, ix-xhud wieġbet illi kienet it-tifla li semmietu. It-tifla kienet anzjuza ħafna u riedet li joħorġuha mid-dar.

26. A fol 47 din l-istess xhud tgħid illi t-tifla kienet qalet illi kien jidhol il-missier fil-kamra tas-sodda tagħha u li kultant kien ikun hemm ħuha preżenti u li kienu jweġġgħuha ħafna.

27. Missierha kien jidhol fil-kamra tagħha u jgħidilha tinża' u minħabba li kienet tibza' minnu kellha tobdieh. Kien ineżżagħha kompletament u jinża' hu wkoll. Hi kienet tkun liebsa il-pigama u missierha kien ikun liebes qalziet twil u xi t-shirt. Kienet tipprova twaqqfu iżda ma kienx jirnexxilha. Il-ħabel kien iġibu mill-kamra ta' l-għodda ta' fuq il-bejt. U meta qalet li missierha kien imissha hi indikat il-parti privata tagħha. Hija qalet li kien imissha b'idejh kif wkoll bil-parti privata tiegħu (fol 47). Il-kliem eżatt li qalet it-tifla jidher riprodott fil-bidu ta' fol 48 **'Daħħal id-duda tiegħu fil-parti tiegħi u weġġagħni ħafna.'** It-tifla qalet li dawn l-affarijiet ġraw ħafna drabi. Kultant l-omm kienet tidħol u kienet taf b'ċertu affarijiet li kienu qed isiru. Rigward is-swat a fol 48 qalet li kien isawwatha biċ-ċintorin.

28. Hu kellu żewġ ċintorini, wieħed iswed u wieħed kannella bil-bokkla. Kultant kien isawwatha b'biċċa injama u jorbot ħabel madwar saqajha u jħalluha d-dar waħedha waqt li huma joħorġu. Meta tgħid huma iffissru ommha, missierha u ħutha u li kienu jweġġgħuha bil-ħabel. It-tifla inħarġet mid-dar. Ommha u missierha kellhom supervised visits iżda dan l-aħħar kellhom

iwaqqfuhom minħabba illi t-tifla kienet anzjuża ħafna u t-tifla qalet li ommha għamlitilha sinjal biex meta tkun il-Qorti ma titkellimx (fol 49). A fol 50 l-istess xhud qalet illi huma intervistaw lit-tifla diversi drabi biex jivverifikaw l-affarijiet għaliex lit-tfal mhux darba kellmuhom imma ħafna drabi.

29. Dwar l-ismijiet dawn kienet toħroġhom it-tifla billi ssemmi lill-ġenituri tagħha, lil ħutha kif wkoll lill-ħabiba tagħha Amanda u ommha. It-tifla qalet dawn l-affarijiet spontanjament (fol 52). Għall-mistoqsija magħmula mill-Qorti, ix-xhud wieġbet li t-tifla kienet konsistenti f'dak kollu illi qalet (fol 52). Hija kompliet tgħid l-istess affarijiet meta tkellmet ma' l-avukata Dr Anne Vella De Fremaux . Ix-xhud ukoll qalet illi lill-ispettura ma kinitx qaltilha bl-abbuż sesswali. Ma qaltilhiex id-dettalji. Qaltilha li kienu jorbtuha bil-ħabel u li kienu jmissuha pero ma qalitx id-dettalji (fol 53).

30. Mistoqsija mill-avukat tad-difiża dwar il-kwistjoni li ommha kienet għamlitilha xi sinjali, ix-xhud wieġbet li dan il-kliem kienet qalitu t-tifla u s-supervisor kienet qaltilhom li jista' jkun li possibbli li meta ddur is-supervisor għax ikollha x'tagħmel ma' tifel żgħir ieħor jew tiġbor xi ħaġa (fol 54).

31. Għal iktar mistoqsijiet fil-kontro eżami, ix-xhud qalet illi ġieli ħallew lit-tifla tmur ghal xi festa pero s-supervisor kienet bagħtet rapport b'ċertu affarijiet li ntqalu u allura ddeċidew li mhux lok li t-tifla terġa' tmur lura d-dar. A fol 57 l-avukat difensur staqsa 'Inti stajt tidentifika minn dak illi qaltlek it-tifla min kien eżattament jagħmlilha xiex?' U x-xhud qalet 'Iva ghax it-tifla spjegat. Kellha tbenġila fuq saqajha li saret bil-bokkla taċ-ċintorin u qalet li missierha għamilhielha u din rawha. Spjegat ukoll li missierha kien weġġghalha saqajha bil-ħabel u raw il-marka wkoll. Spjegat ukoll li kien jorbotha bil-ħabel u li jħalluha d-dar waħedha u spjegat li kien missierha wkoll. Spjegat ukoll li missierha kien jidħol fil-kamra tagħha, jorbotha minn għonqha, ineżżagħha u jmissha (fol 57).

**Xhieda tas-Psychology Officer Malcolm Tortell.**

32. Xehed ukoll Malcolm Tortell li huwa psychology officer ma’ l-Agenzija Appogg. Xehed li kienu kellmu lit-tifla li spjegat illi missierha kien jerfa’ idejh u anke juża ċ-ċintorin. Kien hemm ukoll abbuż sesswali. L-abbuż sesswali kien billi kien iġegħilha tinża’, jinża hu wkoll, kien imissha fuq sidirha u fuq il-parti privata tagħha u anke kien imiss il-parti tiegħu wkoll waqt li kien jagħmel hekk (fol 61). Hi kienet tipprova tgħidlu biex jieqaf imma kienet tibza’ wisq u ma setgħetx twaqqfu. Qalet ukoll li dan kien isir mhux darba, imma iktar minn darba u kien ġara il-lejl ta’ qabel ma kienu marru ikellmuha huma. Fil-kamra waqt li kienu qed ikellmu lit-tifla kien hemm il-ħabiba tat-tifla ta’ l-iskola, il-facilitator tagħha, ix-xhud nnifsu u Sarah Soler.

33. Dan ix-xhud qal (a fol 63) li t-tifla hija anzjuża speċjalment minħabba li kellha tidher il-Qorti fil-jum ta’ qabel, f’dak il-jum stess li qed jiddeponi x-xhud u forsi għada. Hi tibza’ meta tara l-ġenituri tagħha.

34. Fil-kontro eżami x-xhud qal li hu ma kienx għamel assessment għax ix-xogħol tiegħu kien li jinvestiga. Hu kien qed jaħdem bħala psychology officer ma’ Child Protection Services. Huwa qal illi l-assessment sar minn Dr. Sharon Camilleri li hija Clinical Psychologist.

35. Meta l-avukat difensur staqsa jekk sarx assessment psikjatriku fuq it-tifla, ix-xhud wieġeb illi ma kienx sar għax ma dehrilhomx li kien hemm problem ta’ saħħa mentali.

36. Huwa wieġeb lill-avukat difensur li ma kien hemm ħadd psikjatra fil-unit. Jekk ikollhom bżonn psikjatra, huma jirreferu għal xi psikjatra li ma jkunx fil-unit (fol 67). Ġeneralment jirreferu dawn il-każijiet meta jaraw hemm xi delużjonijiet jew xi persuna qed tisma’ xi vuċijiet. A fol 69 dan ix-xhud qal li kemm jista’ jkun huma jippruvaw jevitaw mistoqsijiet diretti.

37. A fol 70 hu qal li t-tifla ħarġet l-informazzjoni spontanjament u mhux magħhom biss iżda ma’ persuni

oħra li kienu qegħdin ġewwa Angela House. Hi tgħid l-istorja mingħajr ħadd ma jistaqsieha jew isemmi s-suġġett. A fol 72 l-avukat difensur staqsa, 'Issa inti l-bieraħ taf li BBB ċaħdet dak kollu li inthom għidtu l-bieraħ stess' u x-xhud wieġeb 'Iva naf.'

38. L-avukat staqsa wkoll 'Taf ukoll li BBB minkejja li ppruvat hafna l-Qorti baqgħet tgħid xorta li mhux minnu.' U x-xhud qal 'Iva.'

39. L-avukat qal 'Fuq din il-ħaġa inthom tkellimtu magħha l-bierah jew illum?' Ix-xhud wieġeb 'Ahna qed ngħidulha biex hi tgħid il-verita u ma għandhiex għalfejn tibża' li tgħid il-verita.'

40. Mistoqsi mill-avukat 'X'qaltilkom fuq il-bieraħ?' U x-xhud wieġeb 'Hi qalet li kienet qegħda tibża' u anke qabel lin-nanna tagħha kellmitha u n-nanna waħħlet fiha u BBB tfikxlet.'

**Xhieda ta' Dr.Mariella Mangion**

41. Xehdet ukoll Dr. Mariella Mangion li hija Senior Registrar fid-Dipartiment tal-Pedjatrija. Hija kienet rat lil BBB fil-15 ta' Mejju flimkien ma' Sarah Soler u Malcolm Tortell li huma s-social workers tagħha. Dak inhar BBB riedet tmur għand ommha.

42. BBB għandha problema biex titkellem pero' kienet tifhem sew x'qed tgħidilha. Kienet tidher b'saħħitha u bħala injuries kellha scar żgħira fuq wiċċha, fuq il-left side of the forehead u anke fuq idejha tax-xellug kien hemm scar qadima. Din ix-xhud ma setgħetx tghid minn fejn ġew dawn l-scars.

43. Ix-xhud kompliet tgħid li fuq idejha tax-xellug ħdejn l-ewwel u t-tieni sebgħa kellha parti li kienet purple discoloured indurate skin, kellha qoxra bajda fin-nofs tagħha u fuq it-tieni u t-tielet seba' kellha area of purple. **Dawn qalet li kienet tagħmilhom it-tifla stess għax meta kienet tkun anzjuza, kienet tigdem lilha nnifisha**. Kien hemm ukoll xi scars oħra fuq dirghajha tal-lemin li

dawn kienu antiki waqt li fuq kuxxtejha tax-xellug fuq in-naħa ta’ barra kellha tbenġila bil-kulur isfar ħadrani u li kienet xi 2cm. Din kien għamilielha huha ż-żgħir għax taha daqqa.

44. Fuq il-wiċċ ta’ saqajha tal-lemin kellha tbenġila ta’ xi 3cm u nofs u fuqha kien hemm qoxra żgħira. Fuq in-naħa ta’ barra fuq il-pexxul ta’ saqajha tal-lemin, kellha area xi 6 by 9 cm brix superfiċjali ħafna. Dawn kienet għamlithom għax kienet waqgħet it-taraġ.

45. Imbagħad fuq l-għaksa ta’ saqajha tal-lemin, xi 3cm fuq l-għaksa kellha sinjal żgħir irqiq twil xi 5xm ta’ brown skin discolouration li kien pressure mark. Din kienet għax huha ż-żgħir kien rabatha biċ-ċintorin.

**46. Ix-xhud eżaminat ukoll il-ġenitalja ta’ BBB li għalkemm dak inhar it-tifla ċaħdet, il-kelma użata hija ‘iddinajat kompletament’ li qatt kien hemm xi ħadd li bagħbasha, pero’ bħala parti mill-examination dejjem iċċekkjatha imma ma kien hemm xejn (fol 85). Dik kienet l-ewwel darba li kienet rat lil BBB din ix-xhud.**

47. Fl-10 ta’ Ottubru kienet reġgħet ratha għaliex is-social worker kienet infurmata li lil BBB kienu qed ibagħbsuha kemm ħuha u kif wkoll missierha. Kienet penġitilha mara bla ħwejjeg u kitbet l-isem ta’ ħuha u ta’ missierha (fol 85). Lil din ix-xhud hi qaltilha le u spjegat il-mod tagħha car. Hi spjegat li kien hemm okkażjonijiet fejn ħuha waħdu jew ħuha u missierha flimkien kienu jneżżugħa u xi kultant jorbtuha b’xi ħabel ma’ għonqha. Imbagħad kienu jmissuha fuq ġisimha kollu (fol 85). Kienu imissuha b’idejhom kif wkoll bil-parti tagħhom u semmiet speċifikament li kienu jmissuha bil-parti tagħhom fil-parti tagħha u li hi kienet tweġġa’ ħafna u anke xi kultant kienet tara xi demm (fol 86).

48. Ommha kienet taf b’dawn l-affarijiet u kienet tgħid lill-irġiel biex jieqfu imma l-irġiel kienu jinjorawha u kienu jkomplu. Meta sar il-gynea examination, kollox kien normali u s-swabs rrizultaw negattivi wkoll.

49. Il-grieħi illi kien hemm fuq l-għaksa, ix-xhud qalet li dawn kienu kompatibbli ma' xi ħaġa magħmula minn ħuha madwar l-għaksa. Dwar il-ġrieħi li kien ssemma fir-rapport datat 20 ta' Mejju, din ix-xhud qalet illi BBB **qatt ma semmiet ħlief lil ħuha ż-żghir dak inhar ta' l-20 ta' Mejju u mhux lil missierha. Ħuha ż-żgħir kien laqatha fuq kuxxtejha tax-xellug.** Meta ratha t-tieni darba, ix-xhud qalet illi BBB għamlitha ċara li kienu ħuha u missierha flimkien li kienu imissuha. Ix-xhud ħadet impressjoni li t-tifla kienet qed tgħid il-verita' u speċjalment meta qalet li kien ikun hemm id-demm.

**Xhieda ta' Dr.John Mary Farrugia**

50. Xehed ukoll Dr. John Mary Farrugia illi qal li fit-18 ta' Mejju 2002 kien tabib għassa fl-isptar San Luqa taħt il-konsulent Dr. Simon Attard Montaldo. Huwa qal illi meta ġabu lil BBB, din kienet tfajla mistħija pero' kkoperat. Kienet tfajla b'saħħitha pero' d-diskors tagħha ma kienx ċar. Dwar il-**feriti** fis-sieq tax-xellug fid-dorsum aspects kien hemm bruise skura ta' 3cm x 2.5cm. Fuq din it-tbenġila kien hemm qoxra ta' 0.7cm x 0.5cm. Fil-koxxa tax-xellug kien hemm bruise antika safra 2 x 2 cm. Fil-fore arm tax-xellug fl-upper lateral kien hemm barxa 6 x 9 cm u f'din il-barxa kien hemm ukoll ftit tikek tad-demm antik d-direzzjoni tal-barxa. Fil-fore arm tax-xellug kien hemm **tbenġila** żgħira 1.5 x 2 cm li kienet antika u wrietu wkoll areas oħra fejn qaltlu li kienu postijiet li weġġgħet. L-eżami in ġenerali l-ieħor kien normali. Għall-eżami ġinekologu kien kellem il-professur tiegħu Attard Montaldo u l-ġinekologu li kien ikun l-isptar San Luqa u l-ftehim kien li jaraha dan ix-xhud. **Huwa qal (a fol 91) illi mill-eżami ġinekologiku, minn osservazzjoni esterna ma kien hemm ebda physical injury**. Dan ix-xhud qal illi ma setax jgħid ma xiex kienu kompatibbli dawn il-ġrieħi. Id-data ta' l-eżami fil-fatt kienet 18 ta' Mejju u mhux 14 ta' Mejju għaliex dan ix-xhud kkoreġa ruħu.

**Konferma dwar l-Istqarrijiet.**

51. L-ispettur Emanuel Camilleri kkonferma li l-istqarrijiet kienu ttieħdu minnu u mill-ispettur Camilleri u kienet

ngħatat is-solitu twissija u kien jagħraf il-firem tiegħu u ta' l-ispettur Camilleri kif wkoll ta' l-imputat. Kien ukoll preżenti meta kellmu lill-mara tiegħu DDD u jaghraf il-firem ta' l-ispettur Camilleri, ta' DDD u tiegħu.

52. A fol 99 jidher il-medical certification li saret fit-18 ta' Mejju 2002 minn Dr. John Mary sive Jimmy Farrugia.

**Ic-certifikat ta' Dr.Mangion**

53. A fol 102 hemm il-medical report fuq BBB, ffirmat minn Dr. Mangion u fost il-kummenti hemm **'the hymen was intact.'** Hemm miktub illi BBB kienet qalet lil Dr. M Mangion illi kemm missierha kif wkoll ħuha u kultant ħuha waħdu kienu jabbużaw minnha. Kienu jiġbdulha xagħarha, jorbtu ħabel madwar għonqha, ineżżghuha u jmissulha ġisimha b'idejhom u kif wkoll bil-parti tagħhom. Hi qalet ukoll li kienu jdaħħlu l-parti tagħhom fil-parti privata tagħha. Hi kienet tħoss uġiegħ kbir illi kultant kienet tara d-demm wara dawn il-kuntatti.

54. Fl-20 ta' Mejju 2002 sar ukoll fid-dipartiment tal-pedjatrija l-eżami fuq BBB u d-dettalji tiegħu jidhru a fol 103 u 104.

**Xhieda tal-Kap ta' l-Iskola.**

55. Xehdet ukoll Angela Callus, il-Head of School ta' Tarxien Girls Secondary. Din ix-xhud qalet illi fis-17 ta' Mejju 2002, it-tifla ġiet mal-facilitator u bil-għajnuna tal-facilitator li kienet tgħid x'qed tgħid it-tifla, din il-headmistress fehmet illi matul il-lejl ta' qabel lit-tifla kienu ħallewha mingħajr ikel u kienet qalet illi filgħodu kienu ħallewha mingħajr ikel. Xi hadd minn shabha ta xi sandwich. (fol 110). Il-headmistress qalet ukoll li mill-mossi li għamlet it-tifla, filgħaxija wkoll ħallewha mingħajr ħwejjeġ. Il-facilitator kienet spjegat kollox bil-kliem.

**Xhieda ta' Alfrida Mifsud, il-facilitator**

56. Xehdet Alfrida Mifsud, il-facilitator ta' BBB ghal 9 xhur. It-tifla lill-facilitator kienet tgħidilha li tibża' tmur id-dar (fol

115). Hi lit-tifla kienet tgħidilha biex l-ewwel tagħmel il-homework u imbagħad toħroġ biex il-ġenituri ma jirrabjawx. Fid-data li hija ma ftakritx eżatt jekk kinitx il-15 ta' Mejju 2002 (fol 119), kienet ġiet imbikkma mid-dar u ma kellhiex ikel.

Lil din ix-xhud kienet tgħidilha li tibża' tmur id-dar għax probabbli kienu jsawwtuha jew ma jħalluhiex tidhol id-dar. Hawn hekk il-Qorti (diversament preseduta) użat il-kelma 'Dejjem probabbli?' (fol 120) u x-xhud wiegbet 'Hija kienet tibża' tmur id-dar għax jagħmlulha xi ħaġa jew isawwtuha.'

57. Il-facilitator kienet tikteb lill-ġenituri għax dawn ma kellhomx linja d-dar. Għal hekk kienet tiktbilha noti biex forsi tmur u tiddiskuti l-iskola. Mitluba tgħid x'kienu l-affarijiet li BBB tibża' minnhom, ix-xhud wieġbet a fol 121 li kienu 's-swat biċ-ċintorin u li tibqa' barra, naħseb dawk.' Din ix-xhud fehmet ukoll illi kienu neżżgħuha (fol 121). Hija dejjem kienet issemmi lil huha l-kbir u lil missierha. Is-soltu kienet issemmiehom dwar iċ-ċintorin, imma f'dak il-jum il-facilitator fehmet lit-tifla li qed tgħid għall-kwistjoni tal-ħwejjeġ. Dwar missierha kienet tuża l-kelma 'papa.' Iżda kienet tkun ċara li ssemmi lil missierha u lil ħuha l-kbir. It-tifla ma kinitx agressiva u l-għalliema kienu jhobbuha.

58. Fil-kontro eżami il-facilitator wieġbet illi peress li kienet ilha 8 xhur mat-tifla, kienet bdiet tidra xi trid tfisser meta titkellem. Meta persuna titkellem ma' BBB, trid toqgħod tisma' sew x'qed tgħid. Hi kienet tagħmel mossi wkoll biex tfiehem lilha nnifisha mill-aħjar.

**Xhieda ta' Dr.Grech**

59. Xehed Dr. Grech il-psikjatra li kien ra lit-tifla fid-19 ta' Novembru 2002 meta ħaduha is-social workers ta' l-Appoġġ. Dak inhar ma kinitx fi stat ta' anzjeta'. Kien raha wkoll fl-10 ta' Dicembru 2002 u kienet tidher anzjuza minħabba li fil-11 ta' Diċembru 2002 kellha titla' l-Qorti. It-tifla qalet li kienet qed tibża' u kienet tidher inkwetata. Huwa qal li fl-istat li kienet, kienet tista' tidher il-Qorti u s-social workers kellhom jaraw x'ser jiġri l-għada. **Dan ix-**

**xhud qal li t-tifla hija ritardata u għandha speech impediment.** Meta wieħed ikellimha jkun hemm diffikulta kbira biex wieħed jifhimha (fol 152). Ix-xhud llimita ruħu għal mistoqsijiet fuq it-tifla dwar x'jiġri meta tiġi l-Qorti. Huwa qal li kien tajjeb li wieħed ma jagħmilx mistoqsijiet diretti. Hi qalet li tixtieq tarahom lill-ġenituri tagħha iżda qalet li trid tgħid il-verita'.

**Ix-Xhieda tat-tifla BBB (L-ewwel darba)**

60. Xehdet it-tifla BBB a fol 157 et. A fol 159 hija qalet li kienet marret għand il-madre għaliex 'aghti, missieri u ommi, ċintorin.' Hija qalet li d-dar tkun waħedha (a fol 160) u li ma jħalluhiex toħroġ. Id-dar toqgħod tibki u dan ghax iddejqet. A fol 161 tal-proċess insibu li t-tifla tgħid, għall-mistoqsija tal-Qorti, kif diversament preseduta, għalfejn marret toqgħod mas-sorijiet, Id-daddy agħti, habel, għonqi.' Mistoqsija mill-Qorti xi jfisser il-ħabel għaliha, it-tifla wieġbet 'għonqi.' (fol 162).

61. Mistoqsija x'kien jiġri bil-ħabel hija wieġbet 'Għonqi' (fol 163). Mistoqsija mill-Qorti min kien jagħmlu ma' għonqha, ix-xhud wieġbet 'Għonqi u dahri' u imbgħad użat il-kliem 'Agħti ċintorin.' Mistoqsija mill-Qorti, kif diversament preseduta, jekk kienux jgħajjruha, it-tifla wieġbet 'Iva' (fol 164). Imbagħad wara qalet il-kliem 'Jiena ġewwa.' Mistoqsija mill-Qorti, 'Ġieli ġara xi ħaġa oħra?' Ix-xhud wieġbet 'Agħti fuq saqajja bil-martell.' U wara qalet li kien ħuha CCC. Imbagħad qalet 'Hija qattus u jiena woowoo.' A fol 166 il-Qorti staqsietha 'Inti x'għidtilhom?' u x-xhud wieġbet 'Ommi idejjaqni missieri.' U meta l-Qorti staqsiet lit-tifla 'Għax sawwtuk?' u x-xhud wieġbet 'Ma nafx.' A fol 167 il-Qorti staqsiet lit-tifla 'Lil dawn inti għidtilhom li ġieli sawwtek xi hadd?' Ix-xhud qalet 'Iva kollox.' A fol 167 il-Qorti għamlet mistoqsija diretta 'Ġieli xi ħadd neżżgħek il-ħwejjeġ lilek?' **Ix-xhud wieġbet 'Ma nafx.'** U dwar bil-lejl hija qalet li tkun bil-pigama.

62. Meta l-Qorti staqsiet 'Ġieli xi ħadd għenek biex tneħħi l-ħwejjeġ?' Ix-xhud wiegbet 'Ma nafx.'

63. A fol 170 meta staqsiet lit-tifla x'ħin kien u t-tifla x'ħin kien u t-tifla wiegbet is-1.00pm waqt li l-Qorti nnutat li kienu 12.50pm.

64. Hija qalet illi ma kinitx taf kif taqleb it-television. A fol 172 mistoqsija min kien jgħinha fil-homework id-dar, qalet li ommha kienet tgħinha u anke missierha. A fol 174 il-Qorti staqsiet lit-tifla 'Inti mort għand il-madre għax ġieli qlajt xi daqqa hux hekk?' u t-tifla wiegbet 'Iva.' Meta l-Qorti reġgħet staqsiet 'Issa mhux it-tfal kollha jaqilgħu daqqa?' u x-xhud wiegbet 'Agħti bil-ponn'. Imbagħad semmiet daqqiet biċ-ċintorin. Meta l-Qorti staqsiet minn fejn jiġi ċ-ċintorin, hija qalet li ma tafx. Meta staqsiet min kien kien jagħtiha biċ-ċintorin, qalet li ommha u imbagħad semmiet li bil-bokkla u li jagħtuha fuq darha. Barra ommha kien jagħtiha EEE (fol 176) u missierha. Hija kienet torqod f'kamra waħedha. A fol 182 hija qalet li ommha kienet iddejjaqha għax kienet toqgħod tgħajjat magħha.

65. It-tifla qalet ukoll li ommha kienet issajrilha kuljum u barra l-bajda u l-ham u cheese kienu jagħtuha xi dulliegħa. Kienu jagħtuha affarijiet tajbin ukoll (fol 182).

**Dr.Sharon Camilleri**

66. Xehdet Dr. Sharon Camilleri li hija clinical psychologist u kienet ingaġġata ma l-Agenzija Appoġġ. Din kellha tagħmel psychological assessment tal-minorenni BBB. Hija kellha tara l-livell mentali ta' BBB minħabba illi seta' kien hemm xi learning difficulties u t-tieni biex tara dan kellux xi influwenza fuq l-abbilta' ta' BBB li tirrakonta l-fatti li kienet qed tallega. Hija użat dak li jgħidulu il-Wessler Intelligence Scales for Children.

67. Dr.Sharon Camilleri kkonkludiet li t-tifla għandha problemi fil-lingwa speċjalment biex tesprimi lilha nnifisha. Mix-xhieda ta' Dr. Sharon Camilleri rriżulta illi BBB għandha score baxx u għandha diffikultajiet evidenti fil-livell ta' funzjonijiet mentali. Hi ghandha dawk li ahna insejjħu learning difficulties. Għandha diffikultajiet fil-lingwa, sew biex tifhem kif wkoll biex tesprimi ruħha. Kemm-il darba riedet tgħid affarijiet u sabitha ferm diffiċli

biex tesprimiehom. Mit-test kien jidher li kienet taf titkellem dwar min huma missierha u ommha u l-għalliema tagħha u dwar l-iskola (fol 195). Hija kienet tifhem id-dinja b'mod bażiku. Meta tiġi biex tifhem x'qed jiġri madwarha, it-tifla tifhmhu. Mistoqsija għaliex kienet tkun agitata, iżda ix-xhud għaliex eżatt ma setgħetx tghid (fol 197). Din ix-xhud ma daħlitx dwar ir-relazzjoni tat-tifla mal-missier għax ma kienx inkarigu li ngħata lilha. Lanqas ma daħlet fl-allegazzjonijiet li kienu qed isiru. A fol 199 ix-xhud qalet illi ħadd qisu ma ħa interess u dan inkluża l-familja dwar il-problemi ta' kif titkellem it-tifla.

68. Fil-kontro eżami ix-xhud wieġbet illi kien sar case conference wara li kienet għamlet dan ir-rapport. Fil-case conference kien hemm preżenti l-ġenituri, il-facilitator, is-social workers, l-ispettur u xi ġar (fol 201). Għal iktar mistoqsijiet ix-xhud qalet li taf li t-tifla kienet marret għand is-sorijiet u taf li qed toqgħod hemm hekk (fol 202). Din ix-xhud pero' ma kinitx staqsietha għala kienet marret toqgħod għand is-sorijiet. A fol 203 qalet ukoll illi l-fatt li t-tfal ikollhom a learning disability ma jfissirx li ma jafux x'qed jiġri madwarhom.

69. A fol 204 l-avukat difensur staqsa lix-xhud jekk minkejja illi BBB tagħmel id-distinzjoni bejn ir-realta' u l-fantasija, kinitx tħobbha il-fantasija jew tidħol fil-fantasija u x-xhud wieġbet 'Le dik mhix opinjoni tiegħi' (fol 204). Ix-xhud kompliet tispjega a fol 205 illi l-fatt illi BBB għandha ċertu disabilta ma jfissirx li għandha tkun trattata minn tfal oħra differenti meta hemm allegazzjonijiet ta' dan it-tip. Kompliet tgħid :

'Jiġifieri jiena naħseb li l-istorja tagħha għandha tiġi mehuda bis-serjeta' bl-istess mod li tigi meħuda kieku kienet tifla jew tifel ieħor.'

70. Ix-xhud reġgħet insistiet li l-istorja ta' BBB għandha tittieħed bis-serjeta' a fol 205. A fol 206 ix-xhud qalet li l-livell mentali ta' BBB huwa diffiċli li t-tifla tivvinta għax moħħha diffiċilment jivvinta storja daqshekk kkumplikata. Huwa wkoll iktar diffiċli li tifla bħal din tiftakar storja b'mod konsistenti jew li tibqa' tirrepeti l-affarijiet bil-mod

konsistenti kif għamlet hi.  Din hija l-opinjoni professjonali ta' din ix-xhud.

**L-artikoli ta' l-Avukat Generali**

71. A fol 216 l-Avukat Ġenerali baghat l-Artikoli li huma 18, 203(1) tal-Kap 9; 88 u 87 tal-Kap 9; 207 tal-Kap 9 u 221 tal-Kap 9.

**Xhieda ta' Sister Garbiella Attard**

72. Xehdet ukoll Sister Gabriella Attard li qalet li peress li kienet tieħu hsieb lit-tifla personalment, rat xi marki f'ġisimha u kienet staqsietha x'inhuma.  It-tifla kienet tgħid li ġieli ġiet imsawwta u marbuta wkoll (fol 226).  Daqqa kienet ssemmi lill-missier u daqqa lil ħuha l-kbir.  **Pero' ma kinitx tgħid min ezatt**.  Daqqa hekk u daqqa hekk. Din is-Sister kienet taħsel lit-tifla u speċjalment in-naħa tas-saqajn kienet tara xi ġriehi u kienet qaltilha illi dawk kienu magħmula għax kienet marbuta.

73. It-tifla kienet imgexxra u tiddependi kollox minn din is-Sister u kienet tbati ħafna biex titkellem.  Fil-kontro eżami hija qalet illi l-marki kienu ħfief ħafna. Magħhom ma kinitx tifla fuq tagħha għax kienet toqgħod ħafna bil-qegħda waħedha.  A fol 229 qalet ukoll li hija kienet tifla timida. Hija spjegat:

***'Kellha xi marki qishom sinjali dritti u kienet qaltli b'ħabel.  U kellha tbenġil u kienet qaltli għax sawwatni.  Issa kienet daqqa tgħid papa u daqqa tgħid hija l-kbir.  It-tifla ma kinitx tirreferi għal persuna waħda biss.'***

74. Qalet ukoll li t-tifla kienet marret għandhom iżda kienet tfittex lill-ġenituri tagħha.  Kienet tibki għal ommha.  U kienet tibki wkoll għall-ħabiba tagħha li jisimha Amanda. A fol 231 x-xhud qalet illi l-iktar li kienet tkun tixtieq kien lil ommha.  Huma kienu jiġu jarawha u daqqa kienet tgħidilhom li tieħu pjaċir u daqqa kienet tgħidilhom ma rridx immure.  F'każ minnhom kien hemm case

conference f'St Venera u kienet qalet li ma riditx tidħol għax saret taf li kien hemm il-ġenituri tagħha (fol 231).

**Xhieda ta' Miriam Caruana.**

75. A fol 232 xehdet Miriam Caruana illi kienet tiġi omm il-ħabiba ta' BBB, jiġifieri omm Amanda. Din qalet illi bintha u BBB kienu jmorru l-iskola flimkien. Omma BBB kienet talbet lil omm Amanda sabiex Amanda tieħu ħsieb naqra tat-tifla tagħha minħabba li Amanda kienet qegħda Form 3 diġa' waqt illi BBB kienet daħlet Form 1. Dan sar minħabba li BBB ma kinitx titkellem sew u sabiex l-omm ikollha mistrieħ li jkun hemm xi ħadd qed jieħu ħsieb (fol 233). Dan l-aħħar kienet tiġi tibki għax ma kienx ikollha lunch jew x'tixrob u ġieli ma ħadtix breakfast. Ix-xhud kienet tagħmillha dawn l-affarijiet hi. Dan kien fi żmien qabel ma ġabruha mill-iskola u ħaduha is-social workers. It-tifla kienet tħobb tiġi kmieni ħafna anke fis-6.00am u omm Amanda kellha tgħid lil omm BBB biex ma tibgħathiex daqshekk kmieni għax ix-xhud għandha ħamest itfal u fosthom ġuvni. Wara nofsinhar l-istess meta jiġu lura mill-iskola, kienet tiġi kmieni biex imorru l-muzew għalkemm ix-xhud kienet tgħidilha illi kien kmieni wisq minħabba li riedet tagħti jieklu lit-tfal. Iżda x-xhud ma kinitx tkeċċieha.Ġieli kienet tkun ferħana u tgħidilha il-papa tani lira u omm Amanda kienet tgħidilha biex tfaddal din il-lira għal meta jkun hemm xi ħaġa ma' l-iskola.

76. Din ix-xhud qalet li lill-imputat kienet kellmitu xi darbtejn biss. Darba minnhom meta kien hemm ħarġa tat-tfal kienet avzat lil omm BBB biex fl-4.00pm tieħu lit-tifla għaliex ix-xhud u r-raġel tagħha kienu ħerġin. Għadda l-hin u xorta ma kinux ġew għaliha. Meta wara qaltilhom aħna ma stajniex noħorġu, huma qalulha illi setgħet ħalliet lit-tifla barra.

77. Darb'oħra gew l-omm u l-missier jibku u qalu li lil Amanda li tiġi t-tifla tax-xhud kienu ser jeħduha għand tabib għax riedu jgħidu li għandha depression minħabba li kienu ħadu lit-tifla tagħhom mill-iskola. Ix-xhud kienet wieġbet li jekk it-tifla jkollha bżonn tieħu ħsieb illi ġġib it-tabib hi għax għandha t-tabib tal-familja. Li riedu l-omm u

l-missier kien li jieħdu lit-tifla għandhom biex jiġi tabib u jgħid illi għandha depression għaliex mhix qed tara lil BBB. Iżda l-omm rrifjutat (fol 236).

78. Fil-kontro eżami ix-xhud qalet li kienet rat lit-tifla tagħha tibki u imdejjqa iżda wara jumejn kienet ssetiljat (fol 237).

**Xhieda ta' Amanda Caruana.**

79. Xehdet Amanda Caruana li kienet il-ħabiba ta' BBB u li meta xehdet kienet Form 5 għax dan kien is-sena 2004. Omm BBB kienet talbitha tiehu ħsiebha minħabba illi t-tifla kellha difett fil-mod kif titkellem (fol 239).

80. BBB kienet tkellem lil Amanda dwar in-nuqqas ta' lunch jew ġieli kienet tibki jew inkella kienet tiġi ferħana. Fl-iskola BBB ma kinitx timxi mal-Forms 1's l-oħrajn għax lanqas kienet taf tikteb. A fol 242 ix-xhud qalet illi BBB kienet tgħidilha fuq missierha li kien isawwatha u li ommha kienet tibgħatha mingħajr lunch. Huha kien isawwatha wkoll. Kien isawwatha wkoll ħuha ż-żgħir (fol 242).

81. Dwar il-lunch kienet ġieli ġġib biċċa ħobż biż-żejt biss mingħajr kunserva u tadama (fol 243). Ħutha ġieli kienu jgħajjruha bid-difetti tagħha minħabba li ma titkellimx sew u kien ikollha xi tbenġil fuqha. Hi kienet tgħid li waqqgħuha jew imbuttawha jew tawha xi xebgħa b'xi ħabel. Ix-xhud qalet illi d-daqqiet daqqa kienu ħomor u daqqa kienu jagħtu fil-ġriż. Kellha daqqiet ġo saqajha u imbgħad kellha tbenġil fuq il-koxxa u fuq id-dahar. Dwar it-tbenġil ta' fuq il-koxxa, lil din ix-xhud BBB kienet qaltilha li kienet qed tbiddel xi bozza viċin tat-taraġ u imbuttawha. Hi kienet telgħet fuq is-sellum waħedha. Fuq missierha kienet tgħid illi ġieli kien isawwatha (fol 245). Fuq missierha kienet tgħid li jsawwatha iżda x-xhud ma kinitx taf biex għax hi kienet rat it-tbenġil biss. Lix-xhud a fol 247, kienet tgħidilha ma tridx toqgħod id-dar għax ħutha kienu jsawwtuha. Dwar il-lunch, l-ewwel kienu bdew ma jagħtuhiex bottle u imbagħad jagħtuha ħobż biż-żejt biss u imbgħad ġieli kienet tiġi mingħajr lunch (fol 250). Kienet

tghid li ommha ma riditx tagħmilha lunch. A fol 251 din ix-xhud qalet li meta kien ikollha xi lunch kienet tarmieh għax kienet tgħidlu jaqq għax mhux ser tieklu biż-żejt biss. Minflok kienet tiekol dak li kienet tlestilha omm din ix-xhud. Ix-xhud gieli xtratilha xi affarijiet mit-tuck shop lil BBB minħabba li kien ikollha l-ġuħ. Omm ix-xhud kienet tagħmel għat-tnejn u kienet tagħtiha l-istess lunch bħal ma tagħti lix-xhud.

82. Ix-xhud qalet li BBB kienet fuq tagħha u jekk tara xi ħadd kwiet tagħtih daqqa ta' bottle ġo rasu biex taqbad miegħu. A fol 252 qalet li huha l-kbir kien isawwatha u kienet qalet ukoll li kien jabbuża anke minnha. A fol 253 qalet ukoll li kienu jabbużaw minnha ħuha l-kbir u missierha. Lilha kienet tgħidilha li jneżżugha biss u ma daħlitx iktar fid-dettall għax kienet tistħi. Kienet tgħid hekk għal ħuha u missierha f'daqqa. BBB qatt ma qaltilha li kienet tieħu gost. A fol 253 din ix-xhud qalet hekk 'BBB qaltilha li kienu jagħtuha xi haġa x'tixrob u filgħodu kienet tqum imneżżża'.' A fol 254 kienet tgħid ukoll li kien jidħol xi ħadd minnhom, għandu jkun kien missierha li taha xi ħaġa x'tixrob għax hi qaltli qisu 7-Up u kienet xorbitu u sabet ruħha hekk filgħodu (fol 254). Ix-xhud kienet indunat li kellha ħmura fuq saqajha. Kienu missiera u ħuha li jagħtuha x'tixrob. Hija qalet b'dan lis-social workers meta BBB infurmata li kienu neżżgħuha u wrietha it-tbenġil go saqajha. A fol 256 hi kienet qalet illi wara dak li tixrob tħossha storduta u torqod.

83. Ix-xhud qalet li ma kinitx temmen lil BBB f'kollox imma imbagħad bdiet tara it-tbenġil u allura bdiet temmen (fol 256).

**Xhieda ta' Marisa Cannataci**

84. Xehdet ukoll Marisa Cannataci a fol 259 li darba kienet superjura fid-dar Angela House. Kienu tefugħha f'Angela House għax kien hemm ċirkostanzi fejn ma setgħetx toqgħod mal-familja tagħha.

85. It-tifla kienet tidher magħluqa fiha nnifisha. Barra milli kellha bżonn għajnuna biex titkellem aħjar, l-ewwel kellha

bżonn xi operazzjoni f'widnejha. Dan kollu qiegħed fil-files tagħha ġewwa Angela House. Fuq il-familja ma kienet taf xejn għax huma ma kinux jagħmlu investigazzjonijiet. Ix-xhud qalet illi meta kienu imissulha l-liżar bil-lejl biex jgħattuhom tajjeb, it-tifla kienet tinħasad.

86. Ix-xhud qalet li lit-tfal kienu jħalluhom liberi u l-importanti li jkunu ssetiljati u jibnu relazzjoni magħhom u mhux li jinterrogawhom. Meta kienu jmorru jagħtuha u jarawha tinħasad, sa fejn tiftakar din ix-xhud qatt ma staqsewha għaliex kienet tinħasad (fol 264). Hi kienet tiġbor il-lożor iżjed magħha meta kienu jmorru jaraw illi huma mgħottijin sewwa.

**Xhieda Dr.Anton Grech**

87. Xehed Dr. Anton Grech li qal illi BBB għandha mental retardation għalkemm din mhix severa ħafna (fol 285). ***Sakemm ma jintużawx kliem astratt jew kunċetti, tista' tifhem dak li qed jingħad***. Ix-xhud kien eżamina lil BBB għal psikożi, meta wieħed ikollu delużjonijiet u qal li ma sab ebda sintomi ta' psikozi. Pero' tista' tivvinta bħal kwalunkwe bniedem ieħor (fol 286). Dwar il-mental retardation qal li din hija xi ħaġa stabbli u mhux xi ħaġa li tinbidel maż-żmien (fol 287). Illum forsi kapaċi tieħu ħsieb tagħha nnifisha iktar pero' din hija xi ħaġa marbuta ma' l-ambjent. Iżda fuq stat mentali fuq tliet snin ma setax jgħid jekk kinitx psikotika jew le. Probabbli li le, pero' definittivament ma setax jgħid. Dehret inkwetata ħafna meta semmiet il-familja tagħha u ferħet meta s-sorijiet tkellmu fuq parties u hekk. Hija kienet tkun anzjuża meta tkun ser titla' l-Qorti (fol 288). Ix-xhud qal li kien infurmat li l-każ kien fuq kwistjoni ta' abbuż meta raha qabel. Meta kien raha qisu kien qed ikellem tifla ta' 10 snin. Ix-xhud kompla jgħid a fol 291 li inqas ma inti intelliġenti, iktar inti suġġett għal din il-ħaġa, jiġifieri għad-direct questioning. Fuq BBB huwa qal li qisek għandek xi ħadd ta' 10 snin. Fuq il-familjari hi kienet qed turi li timmissjahom u tinkwieta fuqhom, speċjalment huha li jista' jiġrilu xi ħaġa. Ix-xhud qal li hu qagħad ħafna attent li ma jagħmilx direct questioning billi ma semmiex il-każ (fol 292). Ix-xhud qal a fol 293 illi kien hemm differenza f'dawn l-aħħar sentejn

f'dik li hija verbal communication għax it-tifla kienet kapaċi tesprimi ruħha aħjar.

88. Fir-rapport li jidher a fol 296, il-kumment huwa li kienet għamlet progress kbir, saret iktar soċjevoli u inqas magħluqa fiha nnifisha. Kienet taf tiehu ħsieb il-bżonnijiet tagħha ta' kuljum. Xorta kienet għadha tbati minn diffikultajiet biex titkellem għalkemm f'dawn l-aħħar sentejn kien ra progress f'dan ir-rigward ukoll. Hija qalet ukoll lit-tabib li kienet għadha tiftakar minn xiex kienet tghaddi fid-dar tal-ġenituri tagħha u kienet tħossha imdejjqa tiftakar fuqhom. Iżda lill-familja kienet timmissjaha. Hija ma kellhiex problema fuq il-konċentrazzjoni u lanqas problemi ta' memorja għax kienet kapaċi tirrepeti immedjatament tliet oġġetti u terġa' tirrepetiehom wara ftit minuti. Hi kienet kapaċi tagħti informazzjoni korretta fuq ħajjitha kemm ilha tgħix mas-sorijiet. It-tifla għandha mental retardation 'mild to moderate'.

**Xhieda ta' l-imputat**

89. Fis-26 ta' Lulju 2005 xehed l-imputat. L-imputat spjega illi kienu marru ħadulu t-tifla. Hu pprotesta u huma qalulu għax li hu kien taha bil-martell (fol 306). Huwa wieġeb li jekk hu l-każ jinġab it-tabib ha jaraha. Huma qalu saru eżamijiet mediċi pero' ma jafx meta. L-imputat kompla jgħid li kienu ħaduha l-pulizija mill-iskola. Huwa kien jiehu ħsieb lit-tifla u kull meta kien jonqosha xi ħaġa kien jikkuntentaha (fol 303). Dwar dixxiplina hu qal li kien iżomm u jekk kien jaraha tilbes ħażin, hu kien jgħidilha biddel sura ta' nies mhux taqbad u toħroġ bl-addoċċ (fol 303). Huwa kien joħroġ fl-4.00am jew 5.00am għax-xogħol u jidħol lura qisu għas-7.00pm għax huwa burdnar iġorr il-containers. Hu kien ikellimha xi darba s-Sibt jew il-Ħadd. Il-bqija kienet tieħu ħsieb il-mara. Il-mara kienet tghidlu li t-tifla ġieli ma kinitx tobdieha. Huwa ma kienx isawwatha għalkemm kien jirrabja u meta kienet tkun fil-kamra tagħha kien jgħidilha biex taghlaq il-gallerija għax għandek in-nies faċċata. Dwar id-difett illi kellha biex tesprimi ruħha, huwa qal li kien jeħodha għand il-professur u kien anke bagħatha l-Italja għand xi persuna li

ħaditha għand tabib hemm hekk (fol 310). Ix-xhud qal li t-tifla nieqsa mid-diskors u tissuppervja. Huwa qal li qatt ma kienu jħalluha. Darba kien mar qadja mal-mara minħabba operazzjoni li kien għamel u ġie mingħajr ma kien ħa lit-tifla miegħu u lanqas lil ħuha ż-żgħir. Ġieli ħalla lit-tifla waħedha ma' ħutha.

90. Meta l-avukat qralu biċċa mix-xhieda ta' BBB li qegħda f'paġna 165, ix-xhud qal illi CCCdak iż-żmien kellu xi 5 snin u llum xi 10 snin, forsi kellu 7 snin. Dawn dejjem kienu jillatikaw bejniethom u ommhom tikkoreġiehom. Huma kienu jgibu ruħhom bħal aħwa ma' xulxin u meta ġieli qabeż il-kbir, kien jgħidlu ħalliehom jilagħbu waħedhom għax lit-tfal ma kienx iħalliehom joħorġu barra. A fol 313 il-missier qal illi meta bintu qalet l-espressjoni 'hu qattus u jiena woowoo' il-kelma woowoo ma kienx jaf jispjegaha. A fol 314 l-imputat qal li jekk xi ħadd xi darba sawwat lit-tifla, forsi t-tifel il-kbir jew iż-żgħir, hu kien jikkoreġiehom. Dwar x'kien jagħmel hu stess, qal jiena gieli sawwattha biex nikkoreġieha, biex ma toqgħodx tagħmel arja (fol 314). Kien isawwatha b'idejh u b'saqajh jew li jkollu biċċa injama jew xi ħaġa biex ibeżżagħha biss. Meta l-avukat staqsa 'Qatt tajtha daqqiet bl-injama?' (fol 314), ix-xhud ċaħad u qal 'Bl-injama qatt.' Bl-injama kien ibeżżagħha biss. Huwa nnega li kien benġel lit-tifla u qal li din kienet waqgħet fit-taraġ ġo saqajh u dan kien ġara meta kien qed jirranga d-dar minħabba il-preċett tat-tifel. Huwa qal li t-tbenġil ma kienx rah. Kienu qalulu bih wara li nqala' l-każ Malcolm u Sarah. A fol 316 l-imputat nnega li kien għamel xi abbuz sesswali mat-tifla u qal li dan m'hu veru xejn. A fol 316 huwa qal 'Xejn, xejn u xejn. Kienet tikkoreġieha l-mara għax kienet toħroġ minn ġol-kamra tal-banju b'xejn bil-qalziet ta' taħt biss u kienet tgħidilha mur ilbes sura ta' nies, hawn ħutek subien. Daqshekk. Imma li nagħmel mat-tifla u dan żgur qatt, żgurissimu li ma għamiltx mat-tifla.'

91. Huwa qatt ma kien neżżagħha u qatt ma kien mar għal għarrieda fil-kamra tagħha u qalilha ha nagħmel hekk u hekk. Qatt ma kien mar ġol-kamra tagħha u qalilha aqbad u inża ħwejġek. Hu qatt ma kien neżżagħha u

lanqas rabatha. Dwar id-daqqa bil-martell, huwa ċaħad dan kollu (fol 317).

92. Huwa dejjem kien isib lil BBB dieħla jew tilgħab ġol-kamra tagħha. Ġieli kien isibha fil-kċina tagħmel il-homework (fol 317). Dwar l-ikel għalih nnifsu qal li ġieli kien isib u ġieli kien jaqbad u jieħu hu stess (fol 318). Għax ġieli kienet tlestilu l-ikel il-mara u ġieli ma kinitx tlestilu għax kienet tieħu ħsieb it-tfal. Lit-tfal kienet issajrilhom. It-tifla qatt ma kienet nieqsa mill-ikel għax meta kien imur il-missier biex jieħu frotta, qatt ma kien isibha.

93. Meta tkellem fuq ir-rimi tal-ħobż l-iskola, ix-xhud kien rrabjat għax qal li hu kien qed jaħdem ghal xejn. Kienet tlesti l-lunch kemm għaliha kif wkoll għal ħutha.

94. Ix-xhud qal li hu lanqas jixrob u lanqas jilgħab. Hu jaħdem il-hin kollu. Huwa qatt ma kien tefa' lit-tifla t-taraġ u lanqas qatt ma tefagħha fit-triq għarwiena ħuta (fol 320). Ix-xhud kompla jgħid li huwa kien iqum mal-4.00am biex imur ix-xogħol u għalhekk ċertu affarijiet bħal per eżempju viżti għand it-tabib kienet teħodhom il-mara tiegħu (fol 320).

95. Huwa qatt ma kien ta il-permess biex tiġi invistata minn xi tabib jew xi psikologu jew xi psikjatra.

96. Fil-kontro eżami il-prosekutriċi qratlu l-istqarrija li kien għamel l-imputat fil-kwartieri tal-pulizija. U bil-ġurament prattikament kkonferma l-istqarrija li kien hemm. Hu baqa' jgħid li ma tantx kien iqatta' ħafna ħin ma' BBB jew ma' uliedu. Hu ġieli kien ikun ix-xogħol anke sa nofs-il lejl. Jekk kien ikollha bżonn xi affarijiet, hu kien jgħid lit-tifla, għid lil ommok u tixtrilek. Lil martu dejjem kien jagħtiha l-flus u qatt ma naqasha xejn. Huwa ma kienx jieħu gost li t-tifla tintbagħat għand il-ġirien daqshekk kmieni (fol 326). Huwa nnega li kien jikkoreġi lit-tifla tieghu bl-aħrax. It-tifla kienet toħroġ għand il-ħabiba tagħha u hu lanqas biss kien jgħidilha biex ma ddumx. Ġieli staqsieha għala kienet qed iddum daqshekk, hi kienet tgħidlu li qegħda l-Museum.

97. It-tifla dejjem ħarġuha magħhom, kemm hu u kemm il-mara tiegħu (fol 328). Kienu jeħduha għand iz-zijiet ta' Marsaxlokk. Huwa qatt ma kien isakkar lil bintu fil-kamra iżda kien jgħidilha toqgħodx tilgħab fejn is-subien (fol 329).

98. Mistoqsi jekk ġielix raha bil-qalziet ta' taħt biss, ix-xhud qal meta kont naraha hekk kien jgħidilha biex tmur tilbes sura ta' nies u kien jgħidilha daħħal il-ħwejjeħ miegħek fil-kamra tal-banju kif jagħmlu ħutek is-subien. Huwa nnega għal kollox li kien imissilha l-partijiet tagħha (fol 330). Dwar li kienet tmur l-iskola bla lunch, dan kienet tieħu ħsieb il-mara. Huwa qatt ma ta lit-tifla biċ-ċintorin. Dwar l-injama, qal kelli biċċa injama, nikkoreġieha u daqshekk, (fol 330). Huwa nnega li kien jolqotha bl-injama. Pero' imbagħad meta l-prosekutur staqsa fejn kont tagħtihiela bl-injama, semma l-kelma 'saqajha'.

**Xhieda ta' Dr.Rosanna Axiaq.**

99. Xehdet ukoll Dr. Rosanna Axiaq maħtura mill-Qorti diversament preseduta wara talba tad-difiża a fol 304. Ix-xhieda tagħha tibda a fol 345. Ix-xhud qalet li kienet iltaqet mal-familja għal total ta' madwar 6 jew 7 sighat. Dan sar fis-sena 2005. Hija ltaqgħet magħhom separatament biex kollha ikellmuha b'mod kunfidenzjali. Ix-xhud qalet li minn dak li rat hi taħseb li hemm problemi biex jiltaqgħu mat-tifla tagħhom. Dawn huma kemm soċjali kif ukoll psikoloġiċi. Hi qalet ukoll li tkun idea tajba li t-tifla ma tmurx lura d-dar. Iżda huwa tajjeb ukoll li tiltaqa' ma tal-familja taħt superviżjoni. Ix-xhud hija psychotherapist. Qalet illi fil-familja ta' dan l-imputat hemm problema kbira ta' flus u allura jridu jgħaddu ħafna hin jaħdmu għall-familja. L-inkwiet tal-familja jidher illi mhux xi ġralha t-tifla iżda li daħlu f'hafna spejjeż. Barra dan, il-livell ta' l-edukazzjoni ma jgħinx. Huma ma għandhomx parental skills. Jidher li f'din il-familja huma aċċettati il-kastigi fiżiċi. Daqqiet li jintrabtu t-tfal, li kellhom ċertu liberta' l-aħwa bejniethom u li jidħlu fuq xulxin imneżżgħin (fol 347) u li kien hemm okkażżjonijiet fejn missew lil xulxin. Din l-espert qalet illi fl-opinjoni tagħha l-affarijiet baqgħu kif

kienu. Sempliċiment ma hemmx it-tifla ġod-dar. Ix-xhud kompliet tgħid li fl-opinjoni tagħha, dak li qed tgħid it-tifla għandu iktar weight minn dak li kienu qed jgħidu l-oħrajn. Dawn kienu qishom ftiehmu ma' xulxin xi jgħidu. It-tifla mentalment hija inferjuri għan-normal (fol 349) u waslet għal din il-konklużjoni minħabba l-mod kif tispjega ruħha u t-tip ta' kliem illi tuża. Ix-xhud qalet li kienet fehmet madwar 85% minn dak li qalet it-tifla (fol 350). Ix-xhud qalet illi ma fehmitx lit-tifla, reġgħet rrepetiet id-domanda fi kliem mod ieħor u imbagħad fehmet. It-tifla għandha mentalita ta' xi ħadd li huwa iżgħar mill-eta' tagħha. A fol 351 x-xhud qalet illi l-familja, il-koppja u ż-żewġ subien huma close ħafna ta' xulxin iżda t-tifla dejjem kienet xi ħaġa apparti. Ix-xhud qalet li ma kinitx taf lill-familja mill-bidu nett u allura ma tistax tqabbel.

100. Għal mistoqsijiet magħmula mill-avukat difensur, ix-xhud qalet illi t-tfal kienu jibżgħu jitkellmu u anke forsi ma xtaqux jiltaqgħu max-xhud. Pero' xorta iltaqgħet magħhom. Hija sabet lil EEE tense ħafna speċjalment meta wieħed jikkonsidra li l-laqgha ma kellhiex x'taqsam mal-kawża tiegħu. Iktar tkellem fuq ix-xogħol milli fuq il-familja. Il-ħin kollu kien jaqbeż għal missieru (fol 354). Ix-xhud kompliet tinsisti li r-rapport li kellha tagħmel kien fuq il-familja u ma kienx fuq il-membri individwali (fol 355). Meta kienet mistoqsija mill-avukat difensur dwar l-imputat, hija qalet li l-imputat kien jgħid li ma jaf xejn għaliex hu qatt ma jkun id-dar. CCC ukoll kien faċli jitkellem u jiftaħ qalbu pero' ma kien qed jgħid xejn kontra l-ġenituri. Hu kien jitkellem kif iġġib ruħha BBB u d-diskors kien jaqbel ma' dak li qalu ommu u missieru. Din ix-xhud qalet li ħasset li t-tfal kienu qed jirrepetu dak li qalulhom il-ġenituri biex jgħidu. Fuq il-missier, a fol 357, hija qalet li dan ir-raġel mhux involut biżżejjed fil-familja jekk tqabblu ma' ċertu irġiel. Il-koppja hija magħquda u l-mara tissapportja ħafna lir-raġel tagħha tant li bdiet tgħid ħafna affarijiet personali biex tipprova turi li r-raġel mhux ser jasal jagħmel ċertu affarijiet. Il-koppja jikkonċentraw ħafna biex jipproteġu lit-tfal speċjalment lil EEE. Huma bdew jibżgħu li ser ikollha x'taqsam mal-kawża tiegħu. EEE huwa kkonċentrat fuq ix-xogħol (fol 358).

101. Mir-rapport a fol 342 jirriżulta li t-tifla BBB kienet qalet lil din ix-xhud li qabel daħlet tixhed ommha qalulha li jekk tħobb lill-familja tagħha ma tgħid xejn. Fil-familja ma jidhirx li kien hemm boundaries ċari ta' x'inhu permissibbli u x'mhux. Il-familja ta' BBB kienu qed jgħidu li jriduha lura pero' din ix-xhud asset li dan kienu qed jghiduh bil-kliem biss.(Ara fol.343). A fol 339, dejjem fir-rapport ta' Dr. Rosalba Axiaq, l-imputat qal li ma setax jifhem kif BBB setgħet qalet li abbuza minnha jekk hu lanqas ikun ħlief fis-sigħat tard bil-lejl meta jiġi għajjien biex jorqod. Il-mara tiegħu saħansitra qalet li tant ikun għajjien li lanqas bejniethom qatt ma jsir xejn***. Huma ma jistgħux jifhmu għaliex it-tifla vvintat dawk l-affarijiet fuqhom, għaliex riedet taqla' l-inkwiet. Huma qalu li t-tifla kienet tgħir ħafna għal ħutha u li dak kien il-mod tagħha kif tpattihielhom għal dak li ma kinitx tieħu hi***. L-omm u l-missier qalu li lanqas kienu jafu x'hemm miktub fid-deposizzjonijiet u ma jistgħux jaqraw. Waqt li BBB qalet li ma jafux jiktbu pero' jafu jaqraw b'mod bażiku. A fol 340, fir-rapport insibu li EEE kien qal lil din l-espert illi missieru qatt ma kien miss lil BBB waqt li hu kien missha meta talbitu hi. Kien ikun qed jinħasel u kienet taqbad u tidħol fuqu. Kienet tinża' u tidhol ħdejh. Hu kien imur jimbuttaha biex titlaq u hi kienet iġġegħlu jmissha. Dan EEE inħass irrabjat ħafna għal oħtu, u għalkemm jixtieqha tiġi lura d-dar minhabba l-ġenituri tiegħu, hu ma jridx ikollu iktar x'jaqsam magħha minħabba dak li għamlitlu.

102. Min-naħa l-oħra BBB kienet qaltilha li kienu rabtuha ommha u EEE u mhux missierha u EEE. **U imbgħad qalet illi CCC ġieli ġabilha xi ħaġa biex taqta' l-ħabel. U kien jgħid lil ommha biex tħollha għax dik mhix bhima. BBB tgħid li l-iktar li tħoss huwa in-nuqqas ta' missierha li kellha relazzjoni close miegħu**. U tħoss ukoll għal ħutha ż-żgħar. Hija tispiċċa waħedha d-dar ma' CCC fis-sigħat ta' bil-lejl meta l-ġenituri kienu joħorġu ma' EEE. Hi gieli kienet ħarġet barra mid-dar ma' CCC f'dawk il-ħinijiet. Imbgħad il-ġenituri saru jafu u ommha rabtitha bil-ħabel minn għonqha ghax ma riditx tobdi u toqgħod id-dar. Imbgħad semmiet kif missierha ġieli daħal fil-kamra tagħha fid-9.00pm u gegħilha tinża' u neża' hu wkoll. F'dawn l-okkazjonijiet kien joqgħod imissha għalkemm

dejjem qaltlu le.  Dwar EEE hija qalet li kien ra lil missierha x'kien qed jagħmel u beda xi kultant jiġi hu wkoll.

**Riprodott l-imputat**

103. Fid-19 ta' Jannar 2006 rega' kien riprodott biex jixhed l-imputat.  Huwa qal li r-relazzjoni li kellu mat-tifla BBB kienet ta' missier u jirrispettaha f'kollox.  U dejjem kien involut fit-trobbija tagħha.  Hu qal li kien joħroġ għax-xogħol fl-4.00am għax kien iġorr il-containers.  Bilkemm kien jara lit-tifla għax kien ikun għajjien.  Ir-relazzjoni mat-tifla kienet dejjem tajba. Kienet naqra lura minħabba l-mod kif titkellem (fol 362). Kienet tissuppervja naqra wkoll speċjalment meta kien jgħidilha biex titgħallem l-iskola għall-ġid tagħha.  Meta ħadulu t-tifla ġennewh.  Huwa kien għadu ġej mill-isptar fejn kien għamel xahar.  Fin-nies kienet iżżomm ruħha imgerfxa u hu kien jgħidilha biex tilbes sew għax ma riedx il-ġirien jgħidu bihom. Ġieli kienet tmur il-Muzew imqaċċta u hu kien jirrabja dwar dan (fol 363).  It-tifla ġod-dar kienet tilbes it-track suit.  L-imputat ma kienx iridha  imneżża' għax, per eżempju, tkun bil-flokk taċ-ċingi.  Kien jgħidilha biddel sura ta' nies għax quddiem is-subien ma rridekx tkun tentazzjoni.  Meta kienet tmur ġol-kamra tal-banju u terġa' toħroġ, kien jgħidilha oħroġ suret in-nies u mhux imnezza bil-flokk ta' taħt u mingħajr it-track suit.  Hu kien jgħidilha hekk qisu nhar ta' Sibt meta kienet tkun qed tinħasel.  Hi kienet tridha tal-kbira. Tinsa kif suppost tilbes għax ġod-dar għandha toqgħod suret in-nies minhabba s-subien.  L-imputat kompla jgħid li hu kien jikkoreġieha imma mhux bl-għajjat u biċ-ċintorin.  Dwar it-tbenġil, huwa sar jaf b'dawn l-affarijiet propju fil-Qorti (fol 364) u qatt ma kien rahom. Biss meta kien qed jirranġa d-dar kienet waqgħet it-taraġ peress li kienet ġejja ġġib xi oġġett għax hu kien fuq is-sellum.  Hemm hekk kienet benġlet saqajha.  Huma qatt ma kienu talbuh xi permess biex isiru xi testijiet fuq it-tifla.  Lanqas kien hemm xi kunsens biex issir il-laqgħa mal-pulizija.  It-tifla dak iż-żmien kienet minorenni.

**Tixhed it-tifla BBB (It-tieni darba)**

104. BBB ttellgħet biex tixhed it-tieni darba fit-18 ta’ Mejju 2007. Din id-darba il-Qorti kienet diversament preseduta pero’ qabel kien hemm ftehim bejn iż-żewġ partijiet li ma kienx hemm għalfejn jinstemgħu ix-xhieda li diġa’ kienu instemgħu mill-Qorti kif diversament preseduta. Kien hemm diffikultajiet minħabba illi t-tifla ma titkellimx ċar izda l-Qorti fehmet x’qalet it-tifla u x’riedet tesprimi.

105. Mistoqsija mill-avukat difensur kemm damet Ta’ Sliema x-xhud qalet ma tafx. Imbagħad kienet ssuġġerita sena u qalet iva. Il-prosekuzzjoni fil-fatt qalet li kienet damet iktar minn sena ghax kienet damet 5 snin. Meta ma baqgħetx id-dar kien mar għaliha raġel bin-nuċċali u hawn tissemma l-kelma ‘Soler’ mill-avukat difensur u x-xhud qalet iva. Ir-ragel kien Malcolm. Meta marru jkellmuha kien hemm il-head teacher, it-teacher u Amanda li hija l-ħabiba tagħha. Hi llum mhux qed tkellimha għaliex kienet daħlet il-Qorti. Dik il-laqgħa kienet l-ewwel darba li kienu tkellmu magħha. Huma kienu staqsewha jekk kinux jagħtuha daqqiet u hi kienet rrispondiet le (fol 382). Barra fuq id-daqqiet, ma staqsewhiex affarijiet oħra. Imbagħad l-avukat staqsieha, għidtihom li xi ħadd għamillek xi ħaġa ħażina? U x-xhud rrispondiet illi le. Dwar laqgħat ohrajn, hi qalet li ma kien hemm xejn.

106. Ta’ 17 kienet marret Ta’ Sliema. F’dan il-mument meta qed tixhed l-imputata prattikament kellha 18-il sena kif jidher miċ-ċertifikat tat-twelid. Ta’ 17-il sena marret fil-Home l-oħra ġewwa Ta’ Sliema. Hija kienet tiltaqa’ ma xi zijiet u n-nanna mill-membri tal-familja.

107. Mistoqsija mill-avukat, iltaqgħetx mal-papa wkoll, ix-xhud qalet zijiet li milli jidher huma min-naħa tal-papa. Hi kienet marret għandhom. Huma kienu jmorru jarawha Tas- Sliema u l-Gwardamangia għand is-sorijiet. Meta kienet tmur għand is-sorijiet kienu joqogħdu jitkellmu u ssajjar. In-nanna kienet tgħidilha illi l-papa qiegħed il-Qorti minħabba fiha. Hi ma kienet tgħid xejn u kienet tħoss ħafna għalihom. Meta kienet mistoqsija mill-Qorti, ‘In-nanna qatt qaltlek x’ġara lilek?’ u x-xhud qalet ‘Xejn, qatt u qatt.’

108. Mistoqsija mill-avukat xi setghet qalet fuq il-papa', ix-xhud wieġbet 'Għinu fejn hemm bżonn.' U kellha tgħinu llum (fol 387). A fol 388 hija qalet iva għall-mistoqsija, 'Illum tgħinu inti?' u qalet l-istess meta kienet mistoqsija jekk tħobbx lill-papa. Anzi qalet ukoll 'Lilu biss għandi.' Ommha u missierha jħobbuha. Dwar Amanda, qalet illi lil missierha kienet tħobbu pero hawn hekk il-Qorti ċċarat 'Amanda qaltilha biex le tħobbu lid-daddy' u x-xhud qalet 'Iva' (fol 388). Iżda x-xhud qaltilha li tħobbu u x-xhud qalet 'Iva.' Hija ftakret li kienet telgħet quddiem il-Maġistrat ieħor u din il-Qorti qaltilha llum għandek l-eta tiegħek (fol 389).

109. Il-Qorti staqsiet jekk il-Qorti tuża l-kelma 'sess' hi tifhem x'inhu sess? U hi wieġbet iva. Imbaghad il-Qorti staqsiet a fol 390, 'Tifhem illi tfajla jista' jkollha x'taqsam ma' ġuvni?' u x-xhud wieġbet iva. Il-Qorti ghamlet mistoqsija diretta, 'Inti xi darba kien hemm sess bejnek u bejn il-papa?' u x-xhud qalet 'Le, le xejn.' U hawn hekk il-Qorti insistiet u reġgħet għamlet l-istess mistoqsija u x-xhud qalet 'Le żgur'. Il-Qorti reġgħet insistiet 'Il-papa b'xi mod jew ieħor missek?' u x-xhud qalet 'Le.' Hawn hekk il-Qorti kompliet tinsisti u staqsiet 'Per eżempju, ha nagħtik eżempju, seta' missek fuq sidrek?' Ix-xhud wieġbet 'Le.' Il-Qorti kompliet 'Certa minnu dan?' Ix-xhud wieġbet 'Iva certa.' Il-Qorti kompliet, 'Missek f'partijiet oħra ta' ġismek?' Ix-xhud wieġbet 'Le.' Il-Qorti staqsiet 'B'idejh jew b'xi ħaġa oħra?' U x-xhud wieġbet 'Le.' 'Seta' missek fuq in-naħa ta' wara?' Ix-xhud wieġbet 'Le.' Il-Qorti staqsiet ukoll 'Ix-xebgħa li kien jagħtik, biex kien jagħtihielek?' U hi wieġbet 'Idu u kien jagħtiha fuq dahari.' U wieġbet li kienet f'dahara biss, a fol 391. Hija ċaħdet li missierha kien taha xi daqqiet fuq sidirha a fol 391 u 392. Il-Qorti staqsiet 'Kienu jweġġgħuk dawn id-daqqiet?' Ix-xhud wiegbet 'Iva.' Dwar fejn kien iweġġagħha qalet 'Dahari u hekk.' Il-Qorti staqsiet 'Barra dahrek xi mkien iehor?' U x-xhud wieġbet 'Le.' Il-Qorti staqsiet, 'Qallek xi ħadd biex tgħid hekk? U x-xhud qalet 'le.' 'Kien hemm xi hadd minn tal-familja, in-nanna, iz-zijiet, li qalulek isma, issa itla' l-Qorti u qalulek għid li l-papa ma missekx?' Ix-xhud wieġbet 'Le, le.' U kompliet tgħid 'iva qatt ma

għamilha, qatt.' Ix-xhud qalet 'Vera iddejjaqt.' Imbaghad l-avukat staqsieha 'Jista' jkun li xi darba għidt hekk lil xi ħadd?' Ix-xhud qalet 'Le qatt. Qatt. Vera xbajt' (fol 393). Kienet xebgħet titla' l-Qorti. Il-Qorti staqsietha, 'Inti qed tgħid hekk hawn hekk illum li l-papa' ma missekx għax iddejjaqt titla' l-Qorti?' u x-xhud qalet 'Iva iddejjaqt.' U l-Qorti kompliet 'Imma għax iddejjaqt il-Qorti? X'inhi l-verita'? Ismagħha din. X'inhi l-verita'? Il-papa missek jew ma missekx?' A fol 394 ix-xhud qalet 'Le, le u le.' U l-Qorti qaltilha 'Ma missekx?' u x-xhud qalet 'Xejn.' Dak il-ħin kienet qed tibki u x-xhud spjegat illi kienet imdejjqa ħafna u imdejjqa għax kienet fil-Qorti (fol 394). A fol 395 il-Qorti qalet 'Inti qed tgħid minħabba Amanda inti sibt ruhek f'din il-Qorti?' U x-xhud qalet 'Iva. Jiena xbajt.' Il-Qorti insistiet, 'Jekk il-Qorti qed tifhmek ħażin għidli. Ser nerġa' ngħidlek, minħabba Amanda sibt ruhek f'din il-Qorti?' Ix-xhud wieġbet 'Iva' u kien minħabba f'hekk illi ddejqet u baqgħet issemmi lil Amanda a fol 395.

110. Mistoqsija mill-Prosekuzzjoni jekk meta kienu l-iskola lil Amanda kinitx tgħidilha xi affarijiet fuq il-papa, ix-xhud wiegbet 'Le, xejn u qatt.' (fol 396). Is-social workers kienu jmorru u jagħmlu d-domandi kuljum qalet. Il-prosekuzzjoni staqsietha jekk missierha kienx jorbotha minn saqajha jew minn idejha jew minn xi mkien u x-xhud qalet 'Le le xejn u qatt.' Fil-meetings li kien ikollha mas-social workers kienet tgħidilhom li kienet imdejjqa. Regghet staqsiet il-prosekuzzjoni 'Tiftakar kont staqsejtek jekk il-papa kienx missek xi mkien fuq ġismek?' u hi qalet 'Le le u qatt.' U kien hemm mistoqsijiet iktar u baqgħet tgħid le (fol 398). F'dawn il-partijiet kien hemm diffikulta' kemm għall-Qorti biex tifhem kif wkoll għat-traskrittriċi (fol 399) izda dawn bl-ebda mod ma gandhom effett fuq l-impressjoni ahharija li halliet it-tifla bhala xhud. U a fol 400 qalet 'Jiena inħoss ghalihom kuljum.' Il-Qorti staqsiet 'Thoss ghall-papa?' U x-xhud qalet 'Iva kuljum.' Meta l-prosekuzzzjoni staqsiet a fol 400 'Mela dak inhar ilu meta kellimtek jiena kont qed tigdibli lili?' Ix-xhud qalet 'Iva.' A fol 401, il-prosekuzzjoni staqsiet 'Mela l-verita' BBB hija li l-papa qatt ma missek lilek?' u x-xhud qalet 'Le zgur.' 'Il-verita' li tak xebgħa biss.' **U x-xhud qalet 'Iva xebgħa biss**.' Dwar kif sejra bħal issa qalet li kellha nervi kbar u

bil-kalmanti u n-nervi kienu għaliex xebgħet u reġgħet semmiet il-Qorti.

**Trattazzjoni**

111. Fit-trattazzjoni l-prosekuzzjoni qalet li t-tifla li llum għanda 18-il sena reġgħet giet magħquda mal-familja tagħha peress li qabel kien hemm Care Order. Il-Prosekuzzjoni qalet illi tistieden lill-Qorti tara x'kienet qalet it-tifla a tempo vergine kif wkoll it-tobba li eżaminaw lill-minorenni. Hawn hekk il-prosekuzzjoni qalet li dak iż-żmien it-tifla kienet tat indikazzjoni li kienet tiġi abbużata sesswalment mill-familjari tagħha stess u f'dan il-każ kontra l-papa tagħha stess. Apparti hekk ġieli wkoll giet imsawwta minn missierha.

112. Il-Prosekuzzjoni nnutat li issa nnegat ċertu allegazzjonijiet li kienet qalet qabel, jigifieri way back in 2004. Li ħareġ ċar li kien hemm ċertu negligenza min-naħa ta' l-imputat u dan jidher mill-proċess. U talbet lill-Qorti tikkonsidra kollox biex tasal għal deċiżjoni ġusta dwar l-imputat.

113. Id-difiza qalet li l-prosekuzzjoni qed tinterpreta ħazin dak li qalet it-tifla 6 snin qabel. Ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni kienu qishom pappagalli jgħidu l-istess kliem, jgħidu illi semgħu lit-tifla tgħidilhom li t-tifla ġiet abbużata.

114. L-akkużi huma li l-imputat abbuża minn bintu u li jsawwat lil bintu u akkuża ta' vjolenza.

115. Il-vittma kemm meta dehret quddiem il-Magistrat ta' qabel kif ukoll meta dehret quddiem il-Maġistrat kif inhi preseduta issa, dejjem qalet il-verita' u għalkemm ma konniex nistgħu nifhmu lil din it-tifla sew kif qed titkellem, konna ħadna idea xi trid tgħid.

116. Din it-tifla malli tistaqsieha leading questions, twiegbek dak li tgħidilha. Jekk tistaqsieha l-istess domanda żewġ minuti wara pero' b'mod differenti, tagħtik risposta totalment differenti. Isegwi illi l-imputat ma

għamilx dak li huwa akkużat illi għamel għaliex il-vittma skaġunatu darbtejn quddiem din il-Qorti (fol 407). Ma' dan ir-ragel saret inġustizzja kbira u mal-familja tiegħu għaliex it-tifla damet 6 snin miftuma minn ommha u missierha u minn ħutha.

117. Id-difiża xejn ma kienet kumplimentuża dwar ir-rwol li kellhom in-nies illi tellgħet il-prosekuzzjoni. L-imputat jammetti li xi darba jew oħra kien sawwat lil bintu pero' meta mistoqsi jekk qattx miss lil bintu, huwa qal 'Ma tarax!' (fol 408). Dawn huma affarijiet moqżieża.

**118. Il-prosekuzzjoni qalet illi la kellha ir-rapport mis-social workers bil-fors riedu jieħdu passi.**

119. Id-difiza qalet li meta t-tifla inizjalment kienet ġiet interrogata mill-ispettur, la kien hemm il-permess tal-ġenituri u lanqas kien hemm il-permess ta' xi awtorita' oħra illi setgħet imma għad ma kellhiex awtorita' fuq it-tifla. Il-Prosekuzzjoni kellmet lit-tifla mingħajr il-presenza ta' persuni li tagħhom kellha l-obbligu li titlob il-permess u l-presenza minħabba li kienet minorenni.

120. Il-Prosekuzzjoni nsistiet li dak iż-żmien il-minorenni kienet diġa' taħt care order. Kien hemm preżenti is-social workers li kellhom il-kustodja tat-tfal u sussegwentement huma stess għamlu rapport biex tibda l-investigazzjoni.

121. Id-difiża baqgħet tinsisti li ma kienx hemm la care order, la interim care order u lanqas kien hemm prezenti persuni li b'xi mod kellhom il-possibilta' li jagħtu dik l-Awtorita'.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

122. Matul il-kaz instemghu 18-il xhur bi tnejn minnhom jinstemgu darbtejn. Minn dawn kien hemm min semma' abbuz sesswali u jew swat **kif rakkontat mit-tifla** (L-Ispettur Edel Camilleri, WPS 24 Josephine Camilleri, Sarah Soler, Malcolm Tortell, Alfred Mifsud- il-facilitator – Sister Gabriella Attard, u Amanda Caruana. Kien hemm min innota tbengil (Sarah Soler Dr.Mariella Mangion, u

Sister Gabriella Attard. Ohrajn lanqas dahlu fil-kaz (Dr.Sharon Camilleri u Dr.Grech li xehed dwar l-ispeech defect). Il-Qorti ser tezamina diversi punti u konsegwentement qed tiddistingwi bejn griehi li xi xhieda raw b'ghajnejnhom u l-kontenut tax-xhieda fejn dan jikkonsisti x'qalet it-tifla lix-xhieda. Ghalhekk, l**-ewwel li ma ser tqis hija l-kwistjoni ta' liema xhieda ghandha valur probatorju.**

**123. Matul il-proceduri nstemghu hafna xhieda li qalu dak li qaltilhom l-allegata vittma. Tali xhieda hija milquta b'dak li jipprovdi l-artikolu 598 tal-Kap 12 li hu applikabbli ghall-Kodici Kriminali.** Skond l-artikolu 598 tal-Kap 12, res applikabbli għall-Proċeduri Kriminali bl-artikolu 645 tal-Kap 9,

**'(1) Bħala regola l-Qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud jgħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk il-fatti.**

**(2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bħal dawk.**

**(3) Iżda l-Qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirreferixxu dawk il-mistoqsijiet.'**

124. L-artikolu 599 tal-Kap 12 huwa wkoll res applikabbli għal Kap 9 bl-artikolu 645.

Dan l-artikolu jgħid hekk:

**'Il-qorti tista', skond iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies taghha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jsita' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jsitgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar**

**f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitu', ta' rjieħ ta' immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta' reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu je li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.'**

**Każistika Maltija**

125. Nhar it-13 ta' Jannar 1988 il-Qorti Kostituzzjonali fil-każ 'John Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulziija et'[1] kienet qalet hekk:

'Ix-xhud ma setax jiżvela l-sem tal-persuna li kienet tatu l-informazzjoni billi kien marbut bis-sigiet professjoanli. Kellu biss il-permess minn dik il-persuna li jixhed il-fatti lilu rakkontati. Tali xhieda tikkostitwixxi 'hearsay'. Ir-regola li tipprojbixxi tali xiehda ma hix waħda assoluta imam soġġetta għal diversi eċċezzjonijiet. Il-Qorti tista', skond iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu konjizzjoni tagħha meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża jew jagħmel parti mill-mertu, inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra. Għalhekk ix-xiehda fil-każ preżenti kienet ammissibbli.'

126. Każ ieħor li ttratta l-kwistjoni tal-hearsay kien 'Francesca Seychell et versus Antonio Seychell et'[2]. Hawn tnejn mix-xhieda potenzjali kienu mejtin u l-Qorti qalet:

'allura dawk id-dikjarazzjonijiet għandhom jiġu riċevuti għax għandhom influwenza fuq il-mertu u jistgħu iservu biex, ma provi oħra li waħedhom mhumiex biżżejjed jippruvaw l-assunt ta' l-atturi; għaldaqstant il-ġudikant għandu jirċevihom bħal prova għax il-liġi ma tirrikjedix kondizzjonijiet oħra barra minn dawk fuq imsemmija. Il-

[1] Volum: LXXII Pt.1 &2 l-ewwel paġina
[2] Deċiż fis-27 ta' Marzu, 1936 Volum XXIXI.570, 580

konsiderazzjoni li dawk id-dikjarazzjonijiet ma humiex b'ġurament ma tistax tiġi dejjem meħuda dejjem in klakolu. Għar-raġuni li meta l-leġislatur qal li tista' tkun ammessa prova simili kien qiegħed jammetti provaq ta' bla ġurament u ma setax fiha jkun hem mil-kontor-eżami.'

127. It-tielet u l-aħħar każ li qed tirreferi għalih din il-Qorti huwa 'L-Onorevolissimo Gerald Lord Strickland versus Goffredo Chretien pro et nomine' deċiż fit-12 ta' Frar 1937[3] fejn il-Qorti qalet li skond l-artikolu 609 (illum 598) jippermetti l-attendibilita' ta' xhieda li jirreferixxu dak li jkunu jafu minn persuni oħra llum mejta jew li ma jistgħux jinġiebu bħala prova.'

128. Subramaniam versus Public Prosecutor (1956)

Fit-testi Ingliżi dwar il-'hearsay rule' il-każ gwida huwa 'Subramaniam versus Public Prosecutor'[4] fejn il-Qorti qalet:

'Evidence of a statement made to a witness….may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. **It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made.'**

Ma' dan il-kaz il-Qorti qed izzid ohrajn biex turi kemm il-hearsay rule kienet tkun applikata b'mod strett meta dina kienet ghadha vigenti fl-Ingilterra:

(i)'In R versus McLean, 52 Cr.App.R.80, CA, G, some three minutes after making a mental note of a car registration number, dictated it to C, who wrote it down. G did not check the accuracy of C's note, and could not remember the number when giving evidence at M's trial. Held, C could not give evidence of what G told him in relation to the number of the car; see also Jones v

[3] Deċiż fit-12 ta' Frar 1937 Volum XXIX.I 860, 863
[4] 1 W.L.R. 956 at 959 P.C.

Metcalfe (1967) 1 W.L.R. 1286, DC, and Cattermole versus Miller (1977) Crim.L.R. 533 DC.

(ii) Where the witness to an incident of dangerous driving Described the car (common make and colour) and the driver (Asian male) and said that he had given the registration number of the vehicle to a police officer, but that he was unable to remember it at the time of giving evidence, had made no note of it and had not checked the officer's note, the rule against hearsay could not be circumvented by the officer giving evidence to the effect that he had made enquiries in relation toa certain registration number, that the defendant (an Asian male living in the area) was the owner of the vehicle with that number and it was a vehicle of themake and clour described by the witness; although the police officer had not said 'X said that the registration number was…', this was the effect of his evidence: Ahmed vs DPP (1998) R.T.R. 90 DC. ( Ara Archbold 2003 Criminal Pleading, Evidence and Practice page 1239 u 1240).

129. Il-Qorti tista' tiġbor il-punti li joħorġu minn dawn il-każi kif ġej:

(1) Ir-regola tal-hearsay rule mhix waħda assoluta iżda soġġetta għal diversi eċċezzjonijiet.

(2) Mill-każistika Maltija wieħed jista' jikkonkludi li l-Qrati tagħna s'issa aċċettaw xiehda ta' nies li jew kienu mietu jew inkella min kellu jiddeponi ma setax jiżvela isem min qal ċerti kliem għax kien marbut bis-sigriet professjonali.

(3) Xhieda tista' tkun tiswa biss bħal prova li ntqalu xi kliem minn ħadd ieħor;

(4) Iżda dik l-istess xiehda issir hearsay jekk l-għan ikun li peremzz ta' dik ix-xiehda wieħed irid jipprova l-mertu tal-każ.

130. Ma jidhirx li kien hemm xi preċedent fil-kamp Kriminali fejn xi Qorti tat tifsira aktar ampja ta' l-ewwel sentenza ta' l-artikolu 599 b'mod li tippermetti xiehda baħal prova tal-mertu meta din ix-xiehda hija msejsa fuq dak li qal ħadd ieħor. Ukoll fi żmien fejn ċertu pajjiżi qed ineħħu jew inaqqru sew fil-kunċett tal-hearsay rule, ma jidhirx li s'issa f'Malta kien hawn xi trattazzjoni taż-żewġ dispożizzjonijiet imsemmija b'xi mod differenti minn dak li jidher fil-każi ċitati aktar 'il fuq.

131. Għaldaqstant din il-Qorti sejra timxi ma' dak li tippermetti l-Ligi Maltija kif inhi u ssegwi l-kazistika Maltija kif kienet sa llum. Ghalhekk dak li ntqal mill-allegata vittma lis-social workers u lill-Ispettura jitqies **bhala prova li sar dak il-kliem** izda ma jistax jitqies bhala prova li sehh dak li hemm imputat kontra l-imputat. Dwar dak li jirrigwarda tbengil dan setghu jarawh ix-xhieda u dak li qalu x-xhieda ghandu valur probatorju.

**Ix-xhieda ta' l-allegata vittma**

132. It-tieni punt li ser tqis il-Qorti huwa x-xhieda ta' l-allegata vittma. Din xehdet darbtejn, darba quddiem din il-Qorti kif kienet diversament preseduta u darb'ohra quddiem din il-Qorti kif inhi preseduta llum. It-tieni darba (18 ta' Mejju 2007)[5] din il-Qorti setghet tara u tisma'lil din ix-xhud. M'hemmx dubju li kif qalu diversi xhieda l-allegata vittma ghandha problemi biex tesprimi ruhha iżda l-Qorti fehmet dak li kellha xi tghid ix-xhud u l-mod kif innegat dak kollu li gara wara li l-Qorti stess ghamlet diversi mistoqsijiet diretti. Biżżejjed wiehed ihares lejn fol.389 u 390 u jara r-risposti taghha :

'Le, Le.'

U dan ghal domanda mill-Qorti jekk missierha kienx missilha sidirha.

U l-Qorti regghet staqsiet:

[5] It-tifla twieldet fid-19 t'April 1989 u ghalhekk meta xehdet it-tieni darba kellha 18-il sena u xahar.

‘Ċerta minnu dan?’

U hi wiegbet:

‘Iva ċerta.’

Il-Qorti staqsiet: ;Missek f’partijiet ohra ta’ ismek?’

U x-xhud wiegbet ‘Le.’[6]

133. Hija sahansitra nnegat li missierha kien jorbotha minn saqajha u minn idejha jew li sakkarha go xi kamra. (Ara fol.396). In-negazzjoni kompliet meta l-mistoqsijiet saru mill-Prosekuzzjoni. A fol.400 il-Prosekuzzjoni staqsiet:

‘Dak in-nhar ilu ilu meta kellimtek jiena, kont qed tigdibli?’

U x-xhud irrispondiet:

‘Iva.’

Imbaghad a fol.401 qablet li missierha kien ta xebgha biss kif diga’ kienet qalet lill-Qorti a fol.391.

134. Il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-ewwel xhieda moghtija mill-allegata vittma ( 9 ta’ Jannar 2003 fol.157 et) meta dak iz-zmien kellha 13-il sena u kwazi 9 xhur (qrib l-14-il sena). A fol 161 qalet ‘ daddy, ghajti, habel, ghonqi. U a fol.163 xhedet ‘Ghonqi u dahari’ u ‘Ghati u cintorin’ u a fol.165 semmiet lil huha CCC li qalet li kien ta b’saqajja bil-martell.

135. Izda anke f’mistoqsijiet maghmulin minn din il-Qorti kif diversament preseduta meta l-Qorti staqsietha:

‘Gieli xi hadd nezzghek il-hwejjeg?’
ix-xhud irrispondiet ‘Manafx’ (fol.162).

[6] Il-Qorti qed taghmilha ċara wkoll li l-partijiet fix-xhieda fejn jidhru xi puntini ma kienu sejrin ibiddlu xejn mill-impressjoni li halliet it-tifla fuq il-Qorti dwar x’kienet il-verżjoni taghha jew dwar x’riedet tghid.

Il-mistoqsija kienet irrepetuta a fol.168 u x-xhud regget wiegbet “Ma Nafx’.

A fol.172 hija qalet li missierha jghinha u wkoll ommha kienu tghinha.

A fol.174 hija xehdet li spiccat ghand il-madre ghax kienet qalghet xi daqqa. U meta l-Qorti nsistiet: ‘Issa mhux it-tfal kollha jaqilghu xi daqqa?’ hija wiegbet ‘Ghati bil-ponn’

A fol.176 hija qalet li missierha kien jaghtiha bic-cintorin izda kien jixtrilha l-pupi wkoll. (Fol.179).
136. Il-Qorti nnutat ukoll li mir-rapport tal-Gestalt Psychotherapist Ms Rosalba M.Axiak, lil din l-esperta x-xhud qaltilha kollox bil-maqlub:

**‘Ghall-kuntrarju ta’ dak li jiena qrajt mill-istqarrijiet tal-Qorti, lili qaltli li kienu ommha u huha EEE li rabtuha u mhux missierha u EEE.’**

137. Fil-kamp Kriminali ma tistax tistrieh fuq provi li mhux cari bizzejjed ghas-sejbien ta’ htija u matul il-proceduri l-allegata vittma spiccat biex cahdet kollox.

**Ezamijiet Medici**

138. Skond ir-rapport mediku fuq it-tifla ‘The hymen was intact’ (fol.102) waqt li x-xhud Dr.Mariella Mangion xehdet li kienet ezaminat il-genitalja ta’ BBB li, galkemm dak in-nhar kienet cahdet, il-klema uzata kienet ‘iddinajat’ – kompletament li qatt kien hemm xi hadd li baghbasha, pero’ bhala parti mill-ezami dejjem iccekjataha imma ma kien hemm xejn.

**Ezami ta’ l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali.**

139. Skond ic-citazzjoni l-allegati reati sehhew fis-17 ta’ Mejju 2002 u fix-xhur ta’ qabel. Minhabba li BBB twieldet fid-19 t’April 1989, dan ifisser li dak iz-zmien kellha tlettax-il sena jew anqas.

140. L-ewwel artikolu li ta l-Avukat Generali kien l-artikolu 203 (ma' l-artikolu 18)– Korruzzjoni ta' tfal at l-eta'. Fil-fehma tal-Qorti, galadarba

(a) hafna mill-provi mressqa jikkonsistu fi hearsay evidence li m'ghandhiex valur probatorju fil-Ligi taghna; u

(b) l-allegata vittma stess cahdet kollox; u

(c)il-provi medici ma taw ebda hjiel;

Il-Qorti qed teddiciedi li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx l-ewwel imputazzjoni dedotta kontra l-imputat.

141. L-artikoli 88, 87. Dawn l-artikoli ghandhom x'jaqsmu ma' arrest, detenzjoni jew sekwestru kontra l-Ligi b'cirkostanzi aggravanti kif ukoll piena ghall-arrest kontra l-Ligi. Ghar-ragunijiet migjuba fil-paragrafu precedenti – b'mod specjali fil-paragrafi (a) u (b), il-Qorti qed teddeciedi li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx lanqas it-tieni imputazzjoni.

142. L-artikolu 207. Dan l-artikolu huwa dwar l-attentat gall-pudur bil-vjolenzali fih innifsu ma jkunx jikkostitwixxi wiehed mid-delitti ikkunsmat jw attentat imsemmijin fl-artikoli ta' qabel tas-subtitolu. Ghar-ragunijeit migjuba fil-paragrafu 140, il-Qorti qed tiddeciedi li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx it-tielet imputazzjoni.

143. L-artikolu 221 – griehi hfief. M'hemmx dubju li nstab tbengil fuq it-tifla. Li BBB kienet qalghet xi xebgha huwa ppruvat kemm a fol.401 kif ukoll mill-istqarrija tal-missier stess a fol.13. Is-swat jidher li sar fil-parametri taz-zmien indikat fic-citazzjoni. Madankollu l-artikolu moghti mill-Avukat Generali jinhtieg il-kwerela ai termini ta' la-rtikolu 221(4) ghax mill-provi jidher li l-artikolu 222(1)(a) kien ikun l-artikolu idoneju. Fil-fehma tal-Qorti l-artikolu 222(1)a) mhux involut u kompriz fl-artikolu 222(1) jew 221(3). Ghaldaqstant il-Qorti qed tiddeciedi li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx lanqas ir-raba' imputazzjoni.

**Konkluzjoni**

144. Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 203(1), 88, 87, 207 u 221(1) moghtija mill-Avukat Generali qed tillibera lill-imputat minn kull imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------